

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Kaja KALLAS****Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu?

Jien personalment esperjenzajt il-ħajja mingħajr l-Unjoni Ewropea u biha, il-ħajja mingħajr il-libertà u bil-libertà. Din l-esperjenza kellha impatt profond fuq i bħala individwu u tatni d-determinazzjoni soda biex niddefendi u nippromwovi l-valuri Ewropej u l-interess ġenerali bl-aħjar mod possibbli.

Meta l-Estonja reġgħet kisbet l-indipendenza tagħha mill-okkupazzjoni Sovjetika fl-1991 rajt il-waqgħa tad-dittatorjat u l-proċess trasformattiv, iżda diffiċli, biex terġa' tiġi stabbilita l-libertà, ir-relazzjoni demokratika bejn iċ-ċittadini u l-Istat, l-istat tad-dritt, u l-ekonomija tas-suq ħieles. Iżda minkejja d-diffikultà ta' dan il-proċess, il-qtuġh mill-ħruxijiet faħxija tal-passat tagħna kien importanti għal kull Estonjan. Illum, naf sew kemm huwa meħtieġ li ngħożżu dak li bnejna, il-valuri li jeżistu fl-Ewropa u li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, se niddefendi l-valuri u l-interessi ġenerali tal-Unjoni Ewropea b'ruħi u ġismi.

Professjonalment, l-ewwel li ltqajt mal-politika Ewropea kienet bħala avukat li jispeċjalizza fil-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni. Ħallejt il-professjoni bħala sieħba fid-ditta legali wara li tajt prova tal-ġharfien tiegħi dwar il-politika tal-kompetizzjoni, tal-ħiliet tiegħi bħala avukat, iżda wkoll tal-kapaċitajiet tiegħi ta' ġestjoni. Din hija ħila li komplejt niżviluppaha bħala lettur fl-Iskola tan-Negozju Estonjana. Din l-esperjenza bikrija fit-tmexxija għenitni nsir il-persuna li jiena llum, bi twemmin sod fl-empatija, fil-benevolenza u fil-mogħdrija bħala l-assi ewlenin għal kwalunkwe mexxej, u speċjalment meta jkun involut fid-diplomazija.

Meta ġejt eletta fil-Parlament Ewropew fl-2014, kont diġà servejt fil-Parlament Estonjan u kont ippreparata intellettwalment b'ħafna modi għal karriera politika fl-Ewropa. Bla dubju, il-fatt li kelli missier li kien Kummissarju Ewropew ħalla marka pożittiva. Madankollu, il-mandat tiegħi bħala MEP għeni niżviluppa ġharfien li jien nara bħala rilevanti għall-pożizzjoni ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea wkoll. Pereżempju, bħala membru tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE, Committee on Industry, Research, and Energy), mexxejt il-ħidma tal-Parlament fuq sitt rapporti ewlenin inkluż dwar l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali u dwar il-leġiżlazzjoni għall-ksur u s-sanzjonijiet doganali. Iż-żewġ fajls kienu jinvolvu ħidma lill hinn mil-linji politiċi u l-limiti nazzjonali biex jinbena kunsens li rrifletta l-fehmiet differenti tal-Istati Membri tal-UE, bl-eżitu jkun il-bilanċ ġust, filwaqt li dejjem jitqies l-interess taċ-ċittadini Ewropej. Meta ġejt eletta Prim Ministru, irritornajt lejn l-Estonja b'sens

imġedded ta' responsabbiltà li l-Estonja għandha bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u r-responsabbiltà personali tiegħi li niddefendi l-post tal-Estonja fiha.

Il-Gvern tiegħi mexxa lill-Estonja f'diversi kriżijiet, inkluża l-pandemija tal-COVID-19, u waqt ix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija li laqtu lir-reġjun Baltiku b'mod partikolarment qawwi. Apparti li wrejt il-kapaċitajiet tiegħi bħala manager effettiv waqt kriżijiet, jiena kburiya b'mod partikolari bil-progress pożittiv li għamilna b'mod parallel: fil-legalizzazzjoni taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess fl-2023, minkejja reżistenza konsiderevoli, jew il-ħolqien ta' Ministeru ġdid għall-Klima filwaqt li espandejna l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli b'waħda mill-aktar miri ambizzjużi fl-UE fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku għat-tranżizzjoni ekoloġika. Kont determinata li nibqa' promotriċi soda tal-valuri Ewropej, inklużi d-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza għal kulħadd. Jien nieħu dan l-impenn kuljum.

Il-mandat tiegħi bħala Prim Ministru kien ukoll mimli opportunitajiet biex niddjaloga mas-sħab internazzjonali u matul dawn l-aħħar tliet snin, kont fil-qalba tad-diplomazija multilaterali ta' livell għoli, ipparteċipajt f'negozjati fi ħdan in-NATO u l-UE, u kont qed nirrappreżenta lill-Estonja fix-xena globali f'summits u laqgħat ta' livell għoli. Din hija esperjenza li b'mod partikolari se taqđini fit-triq li għandi quddiem. Mill-bidu tal-karriera politika tiegħi l-ħolqien ta' kunsens fost il-membri tal-Parlament Estonjan, u minn hawn it-tfittxija għal bażi komuni bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew, sat-tiswir ta' kompromessi fost l-Istati Membri u internazzjonalment, illum għandi fehim qawwi ta' kif ninnaviga negozjati kumplessi u ta' livell għoli filwaqt li nibbilanċja b'mod delikat il-prijoritajiet nazzjonali mal-aġenda aktar wiesgħa Ewropea.

Is-sigurtà Ewropea hija ferm personali għalija bħala nattivta ta' pajjiż li ilu jgħid lill-oħrajn li l-ħolma imperjalistika tar-Russja qatt ma mietet. Iżda nemmen bis-sħiħ li kull pajjiż għandu jgħbed il-piż tiegħu irrispettivament mill-prossimità ġeografika tiegħu mal-ġirien ostili. Jien insistejt għal żieda fl-infiq fuq id-difiża tal-Estonja ta' aktar minn 3 % tal-PDG, sena biss wara l-invażjoni tar-Russja, iżda żgurajt ukoll li l-Estonja saret proporzjonalment waħda mill-akbar donaturi tal-Ukrajna. Ridt li l-Estonja tmexxi bl-eżempju. Din hija wkoll ir-raġuni l-għaliex kont konsistentement favur impenn aktar b'saħħtu tal-UE, pożizzjoni komuni dwar ir-responsabbiltà għad-delitti mwettqa mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, l-użu ta' assi Russi ffriżati bħala l-bażi għall-isforzi ta' rikostruzzjoni, u l-inizjattiva "miljun balla" biex l-Ukrajna tingħata l-munizzjon. L-aktar protezzjoni b'saħħitha li għandna kontra l-aggressjoni tar-Russja u għall-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja hija l-unità Ewropea. L-Ewropa trid tmexxi bl-eżempju.

Jekk niġi kkonfermata, dawn huma l-ħiliet li ngħib fuq il-lant tax-xogħol, flimkien mad-dedikazzjoni personali enormi għall-futur tal-Ewropa u għas-suċċess tagħha bħala mexxejja globali.

Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Jekk niġi kkonfermata, bħala Membru tal-Kulleġġ u Viċi President tal-Kummissjoni, il-prijorità tiegħi se tkun li nagħti kontribut sostanzjali għall-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni. Il-linji Gwida u l-ittra ta' missjoni tiegħi se jkun l-boxxla tiegħi. Se nistinka biex infassal politika estera u ta' sigurtà aktar strateġika, assertiva u magħquda, adatta biex tindirizza l-isfidi tad-dinja tal-lum u biex tippromwovi l-valuri u l-interessi tal-UE. Se nsaħħaħ is-sigurtà u d-difiża tal-UE, filwaqt li mmexxi 'l quddiem approċċ aktar strateġiku għall-viċinat u s-sħubijiet tagħna. Se nrawwem politika barranija moderna u kkoordinata. Fi spirtu sħiħ ta' kolleġġjalità, se naħdem ma' kull Membru tal-Kulleġġ biex niżgura li kollettivament inwettqu l-prijoritajiet tal-Kummissjoni.

Jien konvinta li l-politiki u l-programmi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u t-timijiet bi proporzjon ibbilanċjat bejn il-ġeneri, se jagħtu riżultati aktar effettivi u sostenibbli. Se naħdem biex nintegra l-perspettiva tal-ġeneru fl-azzjoni esterna tagħna, peress li l-ugwaljanza tan-nisa hija kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem, iżda wkoll ta' sens komun. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III (GAP III - Gender Action Plan III) jibqa' l-qafas ewlieni biex jiġi żgurat li l-perspettiva tal-ġeneri tiġi integrata fil-politika barranija tagħna.

Iż-żgħażaġh Ewropej jistennew li l-UE taġixxi biex tinżamm il-paċi, tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, u tiġi xprunata l-kooperazzjoni internazzjonali. Nemmen li l-għoti ta' vuċi u rwol aktar b'saħħithom liż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE se jsaħħaħ id-demokrazija u s-soċjetà tal-Ewropa. Għandi l-intenzjoni li norganizza Djalogi maż-Żgħażaġħ regolari biex nisma' l-ħtiġijiet u t-tfassib tagħhom, bl-ewwel djalogu jsir fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi.

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Hekk kif niġi kkonfermata bħala Viċi President, se nimpenja ruħi li nikkonforma għalkollox mal-kontenut u mal-ispirtu tat-Trattati tal-UE dwar l-indipendenza, it-trasparenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà, kif inhuma definiti fl-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Se nikkonforma mal-obbligu tas-sigriet professjonali, kif definit fl-Artikolu 339 TFUE. Se nonora wkoll il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess, u se nevita kwalunkwe pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' tqajjem dubji dwar l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà tiegħi għall-Kummissjoni. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi hija lesta u aċċessibbli għall-pubbliku, u se nagħgornaha kemm jista' jkun malajr jekk dan ikun meħtieġ.

Bħala eks Membru tal-PE, diġà urejt l-impenn tiegħi li nimxi mal-ogħla standards ta' etika u nirrispetta bis-sħiħ it-testi u l-ispirtu tat-Trattati tal-UE u l-obbligu li nagħixxi fl-interess Ewropew.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Bil-kolleġġjalità bħala l-prinċipju li jiggwida l-azzjoni tal-Kummissjoni li jmiss, se naħdem mill-qrib mal-kolleġi tiegħi fil-Kulleġġ biex niżgura li l-Ewropa ssir aktar strateġika, aktar assertiva u magħquda fil-qadi tal-interessi tagħha u fil-promozzjoni tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-valuri universali komuni tagħna.

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek?

Bħala eks Membru tal-PE, nemmen verament, u esperjenzajt personalment, li kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva ttejjeb il-ħidma tal-Unjoni Ewropea. Fir-rwol ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea jien nimpenja ruħi li nżomm din il-kooperazzjoni importanti. Ninnota wkoll li din ir-relazzjoni taħdem f'żewġ direzzjonijiet, fl-interess komuni Ewropew. Meta kont membru tad-Delegazzjonijiet Parlamentari Ewropej, inkluż Viċi President tad-Delegazzjoni għall-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni UE-Ukrajna, Membru tad-Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Euronest u tad-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Istati Uniti, rajt il-benefiċċju sinifikanti tar-relazzjonijiet b'saħħithom interparlamentari u kif dawn jistgħu jkunu l-bażi għal kooperazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha fi ħdan l-UE abbażi tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. L-iżgurar ta' skambji regolari mal-Parlament Ewropew, mal-membri tal-Kumitati tiegħu u mad-Delegazzjonijiet Parlamentari tiegħu se jkun ukoll ta' vantaġġ għall-ħidma tiegħi bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea. Dan il-punt se nagħmlu fil-Kulleġġ u b'mod partikolari lill-membri tal-Kulleġġ li jaħdmu fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali.

Barra minn hekk, l-Ittri ta' Missjoni tal-President eletta von der Leyen jenfasizzaw l-oġettiv tal-Kummissjoni Ewropea li tkompli tisfrutta r-relazzjoni speċjali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, oġettiv li jien nirrispettah bis-sħiħ u li għalih se ninvesti l-ħin u niddedika l-ħiliet kollha tiegħi.

F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Se naġixxi fl-ispirtu tat-Trattati u b'konvinzjoni profonda li l-fiduċja u s-serħan tal-moħħ taċ-ċittadini Ewropej jistgħu jinkisbu biss billi nisma' leħinhom u ninvolvi ruħi f'dibattitu demokratiku, inkluż fuq kolloxx fil-Parlament Ewropew.

Se nfitte relazzjoni mill-qrib mal-Parlament, ibbażata fuq il-ftuħ, it-trasparenza, il-fiduċja reċiproka u l-iskambji regolari, biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv is-sorveljanza demokratika tiegħu. Se nimmobilizza d-diplomazija Parlamentari b'appoġġ għall-isforzi tiegħi.

Jiena konxja bis-sħiħ mir-rekwiżit li l-Parlament Ewropew jiġi kkonfessat regolarment dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), f'konformità mal-Artikolu 36 TUE. Personalment nemmen li dan jiżgura r-responsabbiltà, iżid il-leġittimità demokratika tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE, u jsaħħaħ il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni tal-UE maċ-ċittadini f'dan ir-rigward.

Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi?

Fl-eżerċizzju ta' dmirijiet, jekk niġi kkonfermata, nimpenja ruħi għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 36 TUE, u d-Dikjarazzjoni tal-2010 dwar ir-Responsabbiltà Politika. Se nrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

F'konformità mal-Artikolu 36 TUE, se nikkonsulta u ninforma regolarment lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti ewlenin tal-ħidma tiegħi u l-għażliet fundamentali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħna. Se nimpenja ruħi speċifikament għal djalogu regolari mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u permezz ta' dibattiti plenarji, b'mod partikolari għall-adozzjoni tar-rapport annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-PESK u l-PSDK u r-rapport annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-demokrazija fid-dinja. Nimpenja ruħi wkoll għal djalogu regolari dwar l-affarijiet barranin permezz ta' skambji mal-Kumitati rilevanti u skambji individwali. Fil-qasam speċifiku tan-negożjar ta' ftehimiet internazzjonali, kif previst fl-Artikolu 218(10) TFUE u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, se niżgura li l-Parlament Ewropew jiġi infurmat bis-sħiħ u immedjatament fl-istadji kollha tal-proċedura, kemm dwar ftehimiet tal-PESK kif ukoll dwar ftehimiet mhux tal-PESK li jkunu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, fil-format xieraq. B'riżultat ta' dan, il-Parlament se jkun jista' jeżerċita skrutinju demokratiku tal-azzjoni esterna tal-Unjoni skont it-Trattati, f'konformità mal-bilanċ istituzzjonali u l-preservazzjoni tal-prerogattivi rilevanti tal-istituzzjonijiet kollha involuti.

Beħsiebni nkompli ninvolvi lill-Parlament Ewropew fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti finanzjarji wara l-pjan iddettaljat tad-Djalogu Ġeopolitiku ta' Livell Għoli stabbilit taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument - Ewropa Globali). L-iskambji fil-Kumitat Speċjali se nqishom bħala prijorità fl-aġenda komuni tagħna. Beħsiebni wkoll nattendu regolarment, meta jkun possibbli, għall-Konferenzi Interparlamentari dwar il-PESK u l-PSDK. F'dan ir-rigward, il-prattika li dawn jiġu organizzati flimkien mal-laqgħat ta' Gymnich għenet, u hija Prattika li tajjeb titkompla.

L-istedina lill-Presidenti ta' Kumitati differenti li jittrattaw kwistjonijiet marbutin ma' affarijiet barranin għal-laqgħat informali tal-Kunsill Affarijiet Barranin fil-konfigurazzjonijiet differenti tiegħu hija kwistjoni li se nimpenja ruħi dwarha b'mod attiv mal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE.

B'rabta mal-inizjattivi pplanati jew il-proċeduri attwali, lesta ttiprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jien nimpenja ruħi li nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas tal-2010 u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li għandu l-għan li japprofondixxi s-sħubija bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.

Jekk niġi kkonfermata, se niżgura, bħala kwistjoni ta' prinċipju, li l-Kumitati Parlamentari jkunu involuti fi kwalunkwe żvilupp ewleni taħt ir-responsabbiltà tiegħi, fl-istess ħin mal-Kunsill u fuq l-istess livell, f'konformità mal-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali u l-preservazzjoni tal-prerogattivi rilevanti tal-istituzzjonijiet kollha involuti.

Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li l-Parlament Ewropew ikun involut fi kwalunkwe żvilupp ewlieni taħt ir-responsabbiltà tiegħi, fl-istess ħin mal-Kunsill u fuq l-istess livell meta l-kompetenzi taż-żewġ istituzzjonijiet ikunu ugwali. Barra minn hekk, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar ir-responsabbiltà politika, nimpenna ruħi u s-servizzi li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħi li nkompli, filwaqt li nsaħħaħ, il-prattika li jkun hemm skambju ta' fehmiet qabel fil-fażi tal-ippjanar tal-inizjattivi u tal-istrateġiji fil-qasam tal-PESK.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

3. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 esponew il-fatt li, fost affarijiet oħra, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE trid titfassal bir-realtà globali attwali f'moħħna u li teħtieġ li tkun aktar assertiva biex issegwi l-interessi strateġiċi tagħha. Mingħajr preġudizzju għall-proċessi deċiżjonali tal-Kummissjoni, liema jkunu l-prijoritajiet u l-objettivi/għanijiet konkreti tiegħek fit-terminu qasir, medju u twil (għal kemm idum il-mandat tiegħek) li jwasslu għal PESK aktar strateġika, assertiva, magħquda u ċċentrata fuq id-drittijiet tal-bniedem, ispirata mill-valuri u mill-prinċipji tal-UE? Liema huma l-isfidi (internazzjonali, reġjonali, bilaterali, istituzzjonali, eċċ.) ewlenin li tipprevedi li jinqalgħu fil-mod kif issegwi daww il-prijoritajiet u l-objettivi, u kif biħsiebek tegħlibhom?

F'dinja vjolenti, instabbli u perikoluża fejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma kontinwament f'riskju, l-UE għandha rwol estremament importanti x'taqdi bħala promotur ta' dawn il-valuri u difensur tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u permezz ta' sħubijiet ma' oħrajn biex twettaq dan. Il-prijoritajiet tagħna matul il-ħames snin li ġejjin – ibbażati fuq il-Linji Gwida Politiċi – se jiddefinixxu l-post tal-Ewropa fid-dinja għall-ħames deċennji li ġejjin. It-teħid ta' deċiżjonijiet tajbin issa se jiżgura li l-futur tal-UE ma jkunx vittma ta' avvenimenti jew determinat mir-rieda ta' oħrajn. B'mod ġenerali, dawn huma l-objettivi u l-valuri li fuqhom nemmen li l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħna għandha tkun ibbażata. Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li l-ħidma tiegħi tkun inklużiva u mwettqa f'koordinazzjoni mal-kolleġi tiegħi fil-Kulleġġ, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati aspiranti. Naqbel ukoll li t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) irid ikun aktar mgħaġġel u effiċjenti, inkluż permezz tal-użu ta' astensjoni kostruttiva, kif ukoll permezz ta' Votazzjoni b'Maġġoranza Kwalifikata fejn dan ikun previst fit-Trattat. Se niddjaloga mal-Kunsill u l-Istati Membri u nagħti prijorità biex jingħelbu l-ostakli eżistenti biex nagħmel użu sħiħ mill-prerogattivi tiegħi skont it-Trattat, iżda rrid ukoll li jkun hemm sens ta' s'jedda kondiviża tal-azzjoni esterna tal-UE.

Il-prijorità tiegħi fuq medda qasira ta' żmien għandha tkun li nindirizza t-tħassib globali urġenti: Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-UE. Il-mod kif nirreaġixxu għall-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wera lid-dinja min aħna u l-valuri li aħna nħaddnu. Minbarra l-fatt li huwa sewwa moralment li nagħmlu hekk, nemmen ukoll li l-appoġġ lill-Ukrajna – politikament, ekonomikament, militarment – sakemm ikun hemm bżonn biex tirbaħ din il-gwerra, huwa kif l-UE tista' tkun verament kredibbli fix-xena globali b'PESK aktar strateġika, assertiva, magħquda u ċċentrata fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni tal-pajjiż huwa wkoll kruċjali biex huwa jitħejja għas-Sħubija fl-UE. Parti minn dan il-proċess hija li tiġi żgurata l-ġustizzja għal kull vittma ta' delitti tal-gwerra mwettqa, u li r-Russja tħallas għadannu li tkun ikkawżat.

Illum ninsabu f'pożizzjoni fejn għandna bżonn insaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-UE f'mument li t-tnejn jinsabu f'riskju. Irridu nagħnu b'urġenza. Fl-ewwel 100 jum tal-mandat, flimkien mal-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, se nipproponi White Paper dwar il-futur tad-Difiża Ewropea. Fiha, se nidentifikaw l-investment meħtieġ u se nippreżentaw ideat għal approċċ aktar fit-tul għall-bini ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża. Il-preparatezza hija parti fundamentali minn sigurtà u difiża effettivi, u se nikkontribwixxi għat-tfassil tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza. Se naħdem biex nagħti spinta lill-kapaċitajiet operazzjonali tal-UE, insahħha il-missjonijiet ċivili u militari tal-PSDK, u nuża s-sett orizzontali l-ġdid ta' miżuri restrittivi kontra t-tħeddid ibridu. Li nkompli napprofondixxi s-sħubija bejn l-UE u n-NATO fl-ispettru sħiħ ta' kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża se tkun ukoll prijorità tiegħi.

Filwaqt li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna tħedded l-integrità tal-Unjoni Ewropea, hemm effett konsegwenzjali inkontestabbli tal-kriżi fil-Lvant Nofsani wara l-attakki terroristiċi tas-7 ta' Ottubru 2023, kemm

fir-rigward tal-eskalazzjoni tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani kif ukoll fl-ogħla livell ta' antisemitiżmu li deher fl-Ewropa mill-Olokawst 'l hawn. L-UE għandha tibqa' fuq quddiem nett fl-isforzi umanitarji, filwaqt li taħdem mal-atturi kollha biex tappoġġa l-kisba tal-paċi ġusta u komprensiva fir-reġjun, b'enfasi fuq il-promozzjoni tas-soluzzjoni ta' żewġ stati u t-tiġħ tas-sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati reġjonali ewlenin. Jekk niġi kkonfermata, jien determinata li nagħmel ħilti fil-kapaċità tiegħi bħala Rappreżentant Għoli u Viċi President, u nikkoopera mill-qrib mal-Kummissarju għall-Mediterran biex inressaq Strateġija komprensiva bejn l-UE u l-Lvant Nofsani u nsawwar pozzizzjonijiet komuni tal-UE.

Minn ideat multilaterali għal dawk reġjonali, flimkien mal-Kummissarju għall-Mediterran, se nippreżenta ideat biex insawwar mill-ġdid ir-relazzjoni tal-UE mar-reġjun, b'Patt ġdid għall-Mediterran.

Sa tmiem il-mandat tiegħi, flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, irrid li l-UE tkun saħħet is-sħubijiet fit-tul u ta' benefiċċju reċiproku fid-dinja kollha, mill-Amerka Latina u l-Karibew sal-Indo-Paċifiku, inkluż b'Aġenda Strateġika ġdida bejn l-UE u l-Indja, u mill-Asja Ċentrali sal-Afrika. Prijorità fuq perjodu qasir f'dan ir-rigward hija t-tħejjija tagħna għas-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fl-2025. Is-sħab tagħna huma importanti. Se nsegwi bla heda rabtiet aktar b'saħħithom fid-dinja kollha.

U mil-livell reġjonali għal dak bilaterali, se naħdem mas-sħab strateġiċi tagħna u tal-istess fehma, inklużi dawk fil-G7, biex nilħaq għanijiet u interessi kondiviżi. Dan naturalment jinkludi r-Renju Unit, kif ukoll l-Istati Uniti, li se jibqgħu s-sieħba u l-alleati l-aktar importanti tal-UE.

Se nagħmel ukoll kull sforz biex niddefendi l-valuri tal-UE u nħares l-interessi tal-UE fil-konfront tar-rivali sistemiċi. Il-prijorità tiegħi fl-involvement maċ-Ċina se tkun li nissalvagwardja s-sigurtà ġeopolitika u ekonomika tal-UE, billi naħdem mal-kollegi responsabbli fil-Kulleġġ tal-Kummissarji kif ukoll mal-Istati Membri tal-UE. L-aktar sfidi urġenti f'dan il-kuntest huma l-appoġġ taċ-Ċina għar-Russja kif ukoll l-iżbilanċi strutturali bejn l-UE u ċ-Ċina li jirriżultaw minn politiki u prattiki mhux tas-suq li joħolqu kompetizzjoni inġusta u kundizzjonijiet mhux ekwi.

Fid-dawl tad-dimensjonijiet esterni dejjem aktar importanti tal-politiki interni tal-UE, mill-migrazzjoni sat-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni tas-sigurtà ekonomika, l-enerġija u l-aċċess għall-materja prima kritika, se niżgura koordinazzjoni mill-qrib mal-membri rilevanti tal-Kulleġġ u ninvolvi ruħi mas-sħab internazzjonali tagħna fejn meħtieġ. Fir-rigward tal-migrazzjoni, li hija sfida kbira u prijorità ċara għal haġna Stati Membri tal-UE, se nkomplu niżviluppaw relazzjonijiet strateġiċi dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà ma' pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, u niġġieldu l-istrukturalizzazzjoni tal-migranti fil-fruntieri esterni tal-UE. Għal dan l-għan, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Mediterran, mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, u mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni.

Il-mod kif l-UE tibni r-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi fuq in-naħa l-oħra tad-dinja għandu impatt profond fuq ir-relazzjonijiet li għandna mal-eqreb ġirien tagħna, u b'mod partikolari dawk li jfittxu sħubija fl-UE. Mal-Kummissarju għat-Tkabbir, mhux biss se nagħti prijorità lir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tat-tkabbir, nikkontribwixxi għar-rieżamijiet tal-politiki ta' qabel it-tkabbir, inkluż dwar is-sigurtà u d-difiża, inħeġġeġ relazzjonijiet tajbin fil-viċinat u r-rikonċiljazzjoni, u ngħin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bilaterali fil-proċess tat-tkabbir, se nagħmel l-almu tiegħi fil-ħidma tiegħi fid-dinja kollha biex niżgura li ċittadini Ewropej ġodda jkunu wkoll kburin bl-Unjoni li jridu jingħaqdu magħha.

Il-bażi ta' dan kollu huwa r-rispett fundamentali tad-dritt internazzjonali, il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li dan l-aħħar kienu taħt pressjoni minn mudelli alternattivi. Nemmen li l-UE għandha r-responsabbiltà fundamentali li tippromwovi l-multilateraliżmu u tikkontribwixxi għall-isforzi globali għar-riforma u l-immodernizzar tas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, inkluża l-arkitettura finanzjarja.

4. Kif biħsiebek ittejjeb il-koordinament bejn il-Kummissarji, b'mod partikolari mal-Kummissarji nnominati għall-Mediterran u għas-Sħubijiet Internazzjonali, f'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda b'mod konsiderevoli tal-influenza kombinata tal-politiki esterni u tad-dimensjoni esterna tal-politiki interni? Kif se tindirizza n-nuqqas dejjem akbar ta' ċarezza fir-rappreżentanza esterna tal-UE u l-bżonn li jiġu ddefiniti b'mod ċar il-kompetenzi tal-atturi istituzzjonali kollha involuti fl-azzjoni esterna tal-UE? Kif biħsiebek ittejjeb l-użu tal-istrumenti disponibbli – jew tiżviluppa strumenti ġodda – biex timmassimizza l-effett ta' lieva fuq livell internazzjonali u l-impatt tal-politiki tal-azzjoni esterna komuni Ewropea? B'mod partikolari fir-rigward:

- *tal-investimenti fis-sħubijiet fuq skala dinjija, anki permezz tal-Global Gateway;*

- tal-użu strateġiku tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE, anki fid-dawl tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (filwaqt li tiżgura li l-Parlament ikollu tassew rwol fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti);
- tal-komunikazzjoni koerenti, effikaċi u strateġika rigward l-azzjonijiet u l-politiki esterni bil-għan li tikkontrolla n-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni fil-pajjiżi terzi;
- tal-garanzija li r-riżorsi finanzjarji u umani kif ukoll l-għarfien espert u politika ta' reklutaġġ, inklużi rekwiżiti ta' kwalifiki aktar rigorużi għall-pożizzjonijiet l-aktar importanti, għad-dispożizzjoni tas-SEAE jkun jikkorrispondu għal-livell ta' ambizzjoni;

- tal-valutazzjoni tal-effikaċja tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet PESK li għaddejjin u tal-istabbiliment ta' missjonijiet u operazzjonijiet PESK ġodda;
- tal-mod kif l-UE ssir potenza b'saħħitha fl-affarijiet dinjin, u protetta mill-influwenza u mit-theddid malizzjużi esterni;
- ta' politika tas-sanzjonijiet Ewropea koerenti u infurzata li mhux biss timpedixxi l-kapaċità tar-Russja li tkompli l-aggressjoni tagħha, iżda wkoll tiġġielel iċ-ċirkomvenzjoni u l-evalwazzjoni, inkluż il-mod kif inti timmira li żżid il-kapaċitajiet ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri iżda wkoll mal-pajjiżi sħab kruċjali, kif se tindirizza n-nonallinjament ta' għadd kbir ta' pajjiżi, fosthom pajjiżi kandidati, u inti favur il-ħolqien ta' kapaċità ċentralizzata tal-UE għall-infurzar tas-sanzjonijiet u li tippermetti lill-Kummissjoni tikkontesta deroga ta' sanzjoni awtorizzata minn Stat Membru skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014?

Kif biħsiebek ittejjeb il-koordinament bejn il-Kummissarji, b'mod partikolari mal-Kummissarji nnominati għall-Mediterran u għas-Sħubijiet Internazzjonali, f'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda b'mod konsiderevoli tal-influwenza kombinata tal-politiki esterni u tad-dimensjoni esterna tal-politiki interni?

Il-Linji Gwida Politiċi u l-Ittra ta' Missjoni jistabbilixxu viżjoni li fiha l-oqsma kollha ta' ħidma huma konnessi, u li għaliha l-Membri kollha tal-Kulleġġ għandhom jaħdmu fi spirtu ta' kolleġġjalità. Fir-rwol tiegħi bħala Viċi President tal-Kummissjoni, jekk niġi kkonfermata, se niffaċilita laqgħat regolari tal-Kummissarji responsabbli mill-affarijiet esterni biex nallinjaw ruħna mal-prijoritajiet ewlenin u biex nikkordinaw l-azzjoni. Minħabba l-importanza li tissaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni u l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tħassib ta' pajjiżi terzi milquta mil-leġiżlazzjoni Ewropea, se nistieden membri oħra tal-Kulleġġ fejn ikun meħtieġ. Se nipromwovi attivitajiet kondiviżi ta' sensibilizzazzjoni mal-pajjiżi sħab, fl-approċċ ta' Tim Ewropa. Dan huwa biss ta' benefiċċju biex il-preżenza globali u l-influwenza diplomatika tal-UE tissaħħaħ.

Kif se tindirizza n-nuqqas dejjem akbar ta' ċarezza fir-rappreżentanza esterna tal-UE u l-bżonn li jiġu ddefiniti b'mod ċar il-kompetenzi tal-atturi istituzzjonali kollha involuti fl-azzjoni esterna tal-UE?

It-Trattati jistabbilixxu l-qafas u l-prinċipji gwida għar-rappreżentanza esterna tal-Unjoni u se jiġu rispettati. Dan huwa l-qafas li fih se naħdem, filwaqt li nqis li ħafna mill-prijoritajiet tal-UE matul il-mandat li jmiss għandhom dimensjonijiet esterni importanti li se jeħtieġu rappreżentanza saħansitra aktar b'saħħitha tal-UE fix-xena internazzjonali u aktar kooperazzjoni bejn l-atturi istituzzjonali kollha involuti fl-azzjoni esterna tal-UE, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Kif biħsiebek ittejjeb l-użu tal-istrumenti disponibbli – jew tiżviluppa strumenti ġodda – biex timmassimizza l-effett ta' lieva fuq livell internazzjonali u l-impatt tal-politiki tal-azzjoni esterna komuni Ewropea? B'mod partikolari fir-rigward:

- *tal-investimenti fis-sħubijiet fuq skala dinjija, anki permezz tal-Global Gateway;*

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-Kummissarji biex nimmobilizza u nuża b'mod strateġiku l-politiki, l-istrumenti u r-riżorsi kollha disponibbli tal-UE biex nimmassimizza l-effett ta' lieva tal-UE fuq livell internazzjonali. Se nagħti prijorità lill-istabbiliment ta' sħubijiet komprensivi ta' benefiċċju reċiproku bbażati fuq il-fehim sod tal-oġġettivi ġeopolitiċi tagħna, ir-relazzjonijiet tagħna mas-sħab u l-interessi rispettivi tagħna. Se nimplimentaw approċċ integrat tal-politiki ekonomiċi, umanitarji, ta' żvilupp, ta' paċi u ta' sigurtà.

Il-Global Gateway diġà saħħaħ ir-reżiljenza kemm għall-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-pajjiżi sħab, filwaqt li kkontribwixxa b'mod effettiv għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals). Skont il-Linji Gwida Politiċi, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, se nikkontribwixxi biex il-Global Gateway jittieħed fil-livell li jmiss, b'investiment fl-infrastruttura, b'appoġġ

kummerċjali u makroekonomiku f'offerta waħda integrata lis-sħab tagħna. Dan se jsir f'approċċ ta' Tim Ewropa fil-kuntest tas-sħubijiet komprensivi tagħna, u f'sinerġija ma' sħubijiet eżistenti jew futuri mal-pajjiżi kkonċernati, inklużi s-sħubijiet il-ġodda għal Kummerċ u Investimenti nodfa. B'mod parallel, se nappoġġa wkoll approċċ differenzjat fir-rigward tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, pajjiżi fraġli jew mifnija bil-kunflitti, u kuntesti kumplessi oħra.

- *tal-użu strateġiku tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE, anki fid-dawl tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (filwaqt li tiżgura li l-Parlament ikollu tassew rwol fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti);*

Bħala koleġżlatur, il-Parlament Ewropew għandu rwol ċentrali fin-negozjati settorjali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP, Multiannual Financial Framework). Jekk niġi kkonfermata, flimkien mal-Kummissarji rilevanti, infittex li ninvolvi kontinwament fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti ta' finanzjament tal-azzjoni esterna, filwaqt li nibni fuq il-mudell stabbilit fid-Djalogu Ġeopolitiku ta' Livell Għoli permezz tal-NDICI-Ewropa Globali. L-aspett kruċjali huwa li dawn l-istrumenti jippożizzjonaw lill-UE bħala attur globali, isaħħu t-tnejn tagħna u jirfdu l-projezzjoni esterna tal-prijoritajiet ġeopolitiċi tal-UE. Din se tkun il-prijorità tiegħi hawnhekk.

- *tal-komunikazzjoni koerenti, effikaċi u strateġika rigward l-azzjonijiet u l-politiki esterni bil-għan li tikkontrolla n-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni fil-pajjiżi terzi;*

Se nagħti prijorità lill-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni strateġika b'saħħitha għall-mandat tal-2024-2029, b'kontribut mill-atturi rilevanti kollha tal-UE. Huwa fl-interess komuni tagħna li nżommu l-motto: "Messaġġ' wieħed, bosta ilħna". Id-delegazzjonijiet tal-UE se jkollhom il-kompitu importanti li jsarrfu b'mod adegwat dan il-messaġġ' f'kuntest lokali. Bħala parti mill-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħna, il-kontroll bil-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni f'pajjiżi terzi jrid ikun prijorità ċara u huwa funzjoni importanti tad-diplomatiċi tal-UE. B'attenzjoni speċifika għall-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI, Foreign Information Manipulation and Interference), nixtieq nibni fuq l-għarfien espert li għandna, inkluż fil-Parlament Ewropew, kif ukoll fuq proġetti li rnexxew li hemm diġà fis-seħħ bħall-EUvsDisinfo. Fl-istess ħin, irrid li s-SEAE jagħmel użu sħiħ mill-għodod diġitali u jinvolvi ruħu mal-esperti tal-FIMI madwar id-dinja biex jiżgura li l-UE tibqa' fuq quddiem nett fl-isforzi biex tiġġieled din it-teddida. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-Kummissarji sħabi biex niżgura approċċ koordinat li jiżgura sinerġiji.

- *tal-garanzija li r-riżorsi finanzjarji u umani kif ukoll l-għarfien espert u politika ta' reklutaġġ, inklużi rekwiżiti ta' kwalifiki aktar rigorużi għall-pożizzjonijiet l-aktar importanti, għad-dispożizzjoni tas-SEAE jkun jikkorrispondu għal-livell ta' ambizzjoni;*

Is-SEAE qed jiffaċċja sfidi finanzjarji minħabba rati għoljin ta' inflazzjoni f'pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Bejn l-2021 u l-2023, l-infiq mhux relatat mas-salarji tas-SEAE, li huwa kopert mill-Intestatura 7, żdied bi +8.9 % b'mod ġenerali u bi 18 % fid-delegazzjonijiet, filwaqt li l-baġit mhux relatat mas-salarji żdied biss bi 2.2 % fl-istess perjodu.

Se niżgura li s-SEAE, flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni, jadatta d-Delegazzjonijiet għar-realtà ġeopolitika, filwaqt li jopera b'mod aktar effettiv u effiċjenti. Se nagħti wkoll struzzjonijiet lis-servizzi tiegħi biex iżommu strateġija ta' reklutaġġ proattiva, b'kompetizzjonijiet interni u esterni ffukati fuq il-ħtiġijiet diplomatiċi emerġenti, bi proċessi tal-għażla li jibqgħu bbażati fuq il-mertu u fuq kriterji ugwali għal-livell u r-responsabbiltajiet tal-pożizzjonijiet. L-isforzi biex titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku jridu jkomplu. Għall-ħatra ta' pożizzjonijiet għoljin fil-Kwartieri Ġenerali u d-Delegazzjonijiet, bord ta' manig'ers superjuri tas-SEAE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni flimkien ma' rappreżentanti mill-Istati Membri se jkun involuti fil-proċedura ta' reklutaġġ biex jiġi żgurat proċess ġust u bir-reqqa.

- *tal-valutazzjoni tal-effikaċja tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet PESK li għaddejjin u tal-istabbiliment ta' missjonijiet u operazzjonijiet PESK ġodda;*

Jekk niġi kkonfermata, bħala prijorità tiegħi, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK tal-UE jiġu rieżaminati u vvalutati regolarment biex jiġi żgurat li jitfasslu bl-għanijiet, il-mandati u r-riżorsi adegwati biex jaqdu l-iskop tagħhom. Flimkien ma' rieżamijiet strateġiċi u regolari mill-Kunsill, dan se jgħin biex jiġi identifikat fejn dawn iżidu l-valur, fejn jeħtieġ li niprijoritizzaw mill-ġdid, jew nidentifikaw ħtiġijiet addizzjonali.

- *tal-mod kif l-UE ssir potenza b'saħħitha fl-affarijiet dinjin, u protetta mill-influwenza u mit-teddida mal-ijjuzi esterni;*

Huwa biss billi nżommu lilna nfusna sikuri minn influwenzi u theddidiet esterni malizzjużi li nistgħu niżguraw li l-UE jkollha s-saħħa fl-affarijiet globali. Atturi bħar-Russja, l-Iran, il-Korea ta' Fuq, u parzjalment iċ-Ċina, għandhom l-għan li jużaw l-interdipendenzi bħala arma u jisfruttaw il-ftuħ tas-soċjetajiet tagħna kontrina. Irridu nkunu ppreparati għal dan. Mill-analiżi rapida tat-theddidiet, sal-użu ta' strumenti eżistenti sal-potenzjal kollu tagħhom, inkluż ir-reġim ta' sanzjonijiet orizzontali l-għdid dwar it-theddidiet ibridi. Se naħdem bla heda mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex niproteġi liċ-ċittadini, lill-istituzzjonijiet demokratiċi, lill-ekonomija u lill-infrastrutturi kritiċi tagħna mill-ostilità esterna, inkluż fit-tnejjija ta' Strateġija ġdida għal Unjoni tal-Preparatezza.

- *ta' politika tas-sanzjonijiet Ewropea koerenti u infurzata li mhux biss timpedixxi l-kapaċità tar-Russja li tkompli l-aggressjoni tagħha, iżda wkoll tiġġielew iċ-ċirkonvenzjoni u l-evażjoni, inkluż il-mod kif inti timmira li żżid il-kapaċitajiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri iżda wkoll mal-pajjiżi sħab kruċjali, kif se tindirizza n-nonallinjament ta' għadd kbir ta' pajjiżi, fosthom pajjiżi kandidati, u inti favur il-ħolqien ta' kapaċità ċentralizzata tal-UE għall-infurzar tas-sanzjonijiet u li tippermetti lill-Kummissjoni tikkontesta deroga ta' sanzjoni awtorizzata minn Stat Membru skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014?*

Il-politika ta' sanzjonijiet tal-UE tista' tkun verament effettiva jekk tiġi infurzata bis-sħiħ mill-Istati Membri biss, u ma tiġix evitata. Se nistinka għal aktar kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-ħafna aspetti relatati maċ-ċirkonvenzjoni, inkluża l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ma' sħab ewlenin tal-istess fehma, anki fil-G7, iżda wkoll ma' pajjiżi kandidati li jridu jaderixxu mal-valuri tal-UE li l-PESK hija bbażata fuqhom bħala parti mill-proċess ta' adegżjoni. Bħala parti mir-responsabbiltajiet tiegħi, se naħdem mal-Kummissarju inkarigat mis-Servizzi Finanzjarji, l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti biex nappoġġa l-implimentazzjoni uniformi tas-sanzjonijiet tal-UE madwar l-UE kollha.

5. Fl-ittra ta' missjoni mibgħuta lilek, ġejt inkarigata li tfittex mod kif tattiva l-użu tal-klawżoli minquxa fit-Trattati, b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikoli 31(2), 41(3), 45(2), 46(2)-(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jippermetti li d-deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK jittieħdu b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. X'ostakli tipprevedi fl-eżekuzzjoni ta' dan l-inkarigu u kif biħsiebek tibni kunsens biex tippermetti l-użu l-aktar mifrux possibbli tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fir-rigward tad-deċiżjonijiet fl-ambitu tal-PESK, b'mod partikolari fil-kuntest tal-appell tal-Parlament indirizzat lill-Kunsill biex jaqleb gradwalment għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fid-deċiżjonijiet fl-ambitu tal-PESK mingħajr implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, filwaqt li jitqies it-tħassib ta' ċerti Stati Membri? Barra minn hekk, kif qed tippjana biex bejn l-Istati Membri jkun hemm viżjoni komuni ta' suġġetti diviżivi?

Skont it-Trattati, il-qasam tal-PESK huwa soġġett għal regoli speċifiċi, inkluża l-votazzjoni unanima fil-Kunsill bħala r-regola ġenerali għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Filwaqt li l-unanimità tipproġetta l-unità u s-saħħa tal-UE, ma għandhiex, madankollu, tnaqqas id-determinazzjoni u l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għal sfidi kbar uргenti. Dan deher reċentement bin-nuqqas ta' kapaċità tal-Kunsill li jaqbel dwar dikjarazzjonijiet tal-UE, jew li l-Unjoni titkellem f'organizzazzjonijiet internazzjonali b'vuċi waħda. Sfortunatament, dan fixxek ukoll l-appoġġ tal-UE għall-Ukraina, b'mod partikolari fl-użu sħiħ tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF, European Peace Facility). Biex tkun mexxejja globali, l-Unjoni jeħtieġ li tkun tista' tieħu deċiżjonijiet b'aktar ħeffa u b'effiċjenza, filwaqt li tegħleb ir-restrizzjonijiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Fil-kapaċità tiegħi bħala Rappreżentant Għoli/Viċi President, se nipprova, f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, nikkonvinċi lil kulħadd li dan l-oġġettiv huwa fl-interess ġenerali. Ġew esplorati soluzzjonijiet differenti biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' Votazzjoni b'Maġġoranza Kwalifikata (VMK) u biex tittejjeb l-effiċjenza tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK:

- L-użu ta' astensjoni kostruttiva, speċjalment fl-ewwel jiem tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina [ippermetta lill-Istati Membri b'newtralità militari biex ma jopponux id-deċiżjonijiet meħuda taħt l-EPF li jirrimborżaw lil dawk l-Istati Membri li ddeċidew li jwasslu armi letali lill-Ukraina];
- L-użu tal-"klawżoli passerelle" eżistenti minquxa fit-Trattati li jippermettu li l-UE tieħu ċerti deċiżjonijiet importanti fil-PESK permezz tal-VMK, jiġifieri malajr u b'ħeffa daqs atturi globali oħra. Iżda l-attivazzjoni ta' dawn il-klawżoli teħtieġ id-deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew.

Il-PESK tradizzjonalment kienet qasam sensitiv għas-sovranità, u għal raġunijiet differenti, diversi Stati Membri ma jixtix imorru għall-VMK. Nifhem li l-possibbiltà ta' veto hija meqjusa minn xi wħud bħala l-garanzija aħħarija biex jiġu protetti l-interessi nazzjonali u biex tiġi ssalvagwardjata l-influwenza tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Madankollu, f'xi każijiet, l-unanimità ġiet strumentalizzata wkoll, kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fit-Trattat.

B'dan il-ħsieb, jekk niġi kkonfermata, beħsiebni ninvolvi ruħi f'diskussjoni miftuħa mal-Kunsill biex niżgura li tinbena l-fiduċja meħtieġa biex nesploraw l-użu ta' dawn il-klawżoli, u nemmen li l-użu tal-possibbiltajiet diġà previsti fit-Trattat jikkonstitwixxi test tajjeb u jippermetti li tissaħħaħ il-fiduċja bejn l-Istati Membri rigward l-użu tal-VMK. L-għan kollettiv tagħna jrid ikun li niżguraw il-kredibbiltà, il-konsistenza u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE, filwaqt li niżguraw is-sjieda tagħha mill-Istati Membri.

6. *Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Abbażi tal-impenji li ħadu l-predeċessuri tiegħek (u l-aħjar Prattiki Stabbiliti magħhom), tista' ġentilment tagħtina d-dettalji dwar il-mod kif biħsiebek:*

- *tinvolvi b'mod proattiv u effikaċi lill-Parlament (bħala parti integrali tat-“Tim Ewropa”) mill-ewwel fażijiet tal-proċeduri ta' elaborazzjoni u żvilupp tal-prijoritajiet u tal-objettivi tiegħek;*
- *tiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jitqiesu b'mod debitu fil-proposti tiegħek (inklużi fil-proposti konġunti) għal atti ġuridiċi tal-Kunsill dwar is-suġġetti rilevanti kollha għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (anki dwar miżuri restrittivi u reġimi ta' sanzjonijiet), il-konsultazzjonijiet rigward il-prijoritajiet u tal-pożizzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-politika estera (speċjalment qabel il-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin) u rigward il-komunikazzjonijiet u l-istrateġiji ġodda jew aġġornati tal-UE, u tiżgura li l-Parlament, u b'mod speċjali l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu, jiġi informat b'mod sistematiku u puntwali b'tali proposti, konsultazzjonijiet u dokumenti;*
- *tiżgura li fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament anki fil-qasam tal-PESK/PSDK, jingħata segwitu bil-miktub b'valutazzjoni tal-mod kif il-pożizzjonijiet tal-Parlament ikunu tqiesu;*
- *tiżgura li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu b'mod debitu qabel u matul il-proċess tan-negozjati internazzjonali, inkluż il-fatt li l-Parlament, u b'mod speċjali l-Kumitat għall-Affarijiet tiegħu, ikun informat minnufih u bi sħiħ bil-fażijiet kollha tan-negozjati dwar ftehimiet internazzjonali (inklużi l-fehimiet mhux vinkolanti, l-arranġamenti, il-memoranda ta' qbil) kif ukoll bl-interpretazzjoni u bir-rieżami tagħhom, u li ma tintalab l-ebda applikazzjoni proviżorja ta' ftehimiet qabel ma l-Parlament ikun ta l-approvazzjoni tiegħu; f'dak il-kuntest, kif isir progress fir-rigward ta' reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2002 dwar l-Access għall-Infurmazzjoni Sensittiva fil-qasam tal-PESK/PSDK (inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mas-sanzjonijiet, mal-mandati għall-missjonijiet PSDK, mar-rapporti tagħhom u mal-istrateġiji dwar il-pajjiżi mibgħuta mir-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà)?*
- *tinvolvi b'mod proattiv u effikaċi lill-Parlament (bħala parti integrali tat-“Tim Ewropa”) mill-ewwel fażijiet tal-proċeduri ta' elaborazzjoni u żvilupp tal-prijoritajiet u tal-objettivi tiegħek;*

Bħala eks Membru tal-PE, napprezza ħafna din id-diplomazija parlamentari. Jekk niġi kkonfermata, nimpenja ruħi li nibni fuq il-prattiki tajbin eżistenti u nżomm skambji ta' fehmiet regolari mal-Parlament Ewropew – b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin – dwar il-prijoritajiet tal-politika barranija tal-UE, l-objettivi u l-implimentazzjoni tagħha permezz tad-Djalogu Strutturat dwar il-proposti u l-komunikazzjonijiet li ġejjin mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, kif ukoll li nipparteċipa fi skambji *ad hoc*, fil-format xieraq.

- *tiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jitqiesu b'mod debitu fil-proposti tiegħek (inklużi fil-proposti konġunti) għal atti ġuridiċi tal-Kunsill dwar is-suġġetti rilevanti kollha għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (anki dwar miżuri restrittivi u reġimi ta' sanzjonijiet), il-konsultazzjonijiet rigward il-prijoritajiet u tal-pożizzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-politika estera (speċjalment qabel il-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin) u rigward il-komunikazzjonijiet u l-istrateġiji ġodda jew aġġornati tal-UE, u tiżgura li l-Parlament, u b'mod speċjali l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu, jiġi informat b'mod sistematiku u puntwali b'tali proposti, konsultazzjonijiet u dokumenti;*

Jekk niġi kkonfermata, nimpenja ruħi li nqis il-fehmiet tal-Parlament Ewropew għall-proposti li nagħmel lill-Kunsill. Se nkompli nuża l-prattiki eżistenti ta' djalogu b'mod sistematiku u koerenti. Se ninforma wkoll lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) u nikkonsultah. Skont il-prattika stabbilita, u irrISPETTIVAMENT minn tipi oħra ta' skambji, se ninforma lill-President tal-Kumitat AFET bil-miktub dwar ir-riżultati tal-laqgħat tal-Kunsill. Nemmen li djalogu komprensiv u sostanzjali huwa l-aktar mod effiċjenti u kostruttiv biex jiġi żgurat li l-fehmiet u l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew jitqiesu kif xieraq. Pereżempju, il-pożizzjoni u l-azzjonijiet tal-Parlament Ewropew kellhom rwol importanti fis-sensibilizzazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Nimpenja ruħi li nkompli din il-prattika.

- *tiżgura li fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament anki fil-qasam tal-PESK/PSDK, jingħata segwitu bil-miktub b'valutazzjoni tal-mod kif il-pożizzjonijiet tal-Parlament ikunu tqiesu;*

Jien impenjata li nqis kif xieraq il-pożizzjonijiet tal-Parlament fil-ħidma tiegħi u se nagħti struzzjonijiet lis-SEAE skont dan. Nipproponi li nimpjenjaw ruħna fi djalogu u segwitu kostanti, li fihom iż-żewġ naħat jistgħu jaġġustaw, jadattaw u jinkludu malajr l-aktar żviluppi reċenti u jqisu l-pass mgħaġġel tad-dinamika internazzjonali.

- *tiżgura li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu b'mod debitu qabel u matul il-proċess tan-negozjati internazzjonali, inkluż il-fatt li l-Parlament, u b'mod speċjali l-Kumitat għall-Affarijiet tiegħu, ikun informat minnufih u bi sħiħ bil-fażijiet kollha tan-negozjati dwar ftehimiet internazzjonali (inklużi l-ftehimiet mhux vinkolanti, l-arranġamenti, il-memoranda ta' qbil) kif ukoll bl-interpretazzjoni u bir-rieżami tagħhom, u li ma tintalab l-ebda applikazzjoni proviżorja ta' ftehimiet qabel ma l-Parlament ikun ta l-approvazzjoni tiegħu; f'dak il-kuntest, kif isir progress fir-rigward ta' revizzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2002 dwar l-Aċċess għall-*Informazzjoni Sensittiva fil-qasam tal-PESK/PSDK* (inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mas-sanzjonijiet, mal-mandati għall-missjonijiet PSDK, mar-rapporti tagħhom u mal-istrateġiji dwar il-pajjiżi mibgħuta mir-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà)?*

Jekk niġi kkonfermata, se nistinka biex inħares il-prinċipji tat-trasparenza, tar-responsabbiltà u tal-leġittimità demokratika. Se niżgura li l-Parlament Ewropew ikun infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura tal-ftehimiet internazzjonali. Dan ikun jeħtieġ li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jiġi żgurat trattament kunfidenzjali fejn neċessarju.

Dwar il-kwistjoni ta' ftehimiet mhux vinkolanti, nixtieq infakkar li, kif ikkonfermat mill-Qorti, dawn jaqgħu taħt il-prerogattivi politiċi tal-Kunsill. Madankollu, ninsab lesta li nħares lejn modi kif il-Parlament jinżamm infurmat, fil-mument opportun fil-proċedura, b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Kunsill.

L-istrument fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qasam tal-PESK, li jmur lura għall-2002, għad irid jittejjeb. Ninsab impenjata bis-sħiħ li naħdem mal-Parlament u mal-Kunsill biex jintlaħaq ftehim malajr kemm jista' jkun. Sadanittant, se nżomm lill-Membri tal-Parlament Ewropew infurmati permezz tal-laqgħat tal-Kumitat Speċjali.

7. *X'miżuri konkreti biħsiebek tiegħi biex iżżomm u tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejneq (bl-appoġġ tal-Kummissjoni/tas-SEAE) u l-Parlament, abbażi tal-prattika attwali kkonsolidata sewwa, anki billi tagħti dettalji dwar kif biħsiebek:*

- *iżżomm l-iskambji ta' fehmiet regolari kemm fil-plenarja kif ukoll fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (inkluż id-“djalogu strutturat” u tiżgura l-preżenza ad hoc tiegħek fil-Kumitat b'avviż minn qabel qasir f'każ ta' avvenimenti sinifikanti jew żviluppi importanti); tiżgura l-preżenza regoli tiegħek fil-Konferenzi Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK;*

- *ittejjeb is-sessjonijiet ta' informazzjoni personalizzati (in-person briefings) lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, b'mod regoli u puntwali kemm qabel kif ukoll wara l-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin, anki fil-formazzjoni “Difiża”, u tagħti informazzjoni mhux pubblika pertinenti u rilevanti (anki permezz tal-laqgħat bil-magħluq meta debitament ġustifikat biss) dwar kwalunkwe sitwazzjoni internazzjonali attwali u rapportar politiku mis-SEAE;*

- *tkompli l-kollaborazzjoni sħiħa mal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew;*

- *tintensifika l-laqgħat ta' konsultazzjoni konġunta fl-ambitu tal-PESK b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni bil-miktub minn qabel mingħand is-servizzi tiegħek dwar id-deċiżjonijiet baġitarji kollha relatati mal-PESK;*

- *tiżgura li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jidhru quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u li l-ħatra tagħhom tkun subordinata għall-konferma mingħand il-Parlament, kif ukoll tiżgura li l-Kapijiet tal-missjonijiet PSDK u l-uffiċjali ta' livell għoli tas-SEAE jidhru quddiem il-Kumitat u jaqgħu l-kontributi sinifikattivi tagħhom, b'mod partikolari fil-laqgħat bil-magħluq, u tkompli l-organizzazzjoni tal-“EP-leg” tal-“Konferenza Annwali tal-Ambaxxaturi”; taċċerta ruħek li iżżomm bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri xieraq meta taħtar Kapijiet tad-Delegazzjonijiet ġodda u uffiċjali ta' livell għoli ġodda fis-SEAE;*

- *tissinkronizza aħjar l-attivitajiet tal-Kummissjoni/tas-SEAE, pereżempju permezz tal-kondiviżjoni sistematika u minn qabel tal-kalendarji pjanati dwar il-ħruġ ta' dokumenti strateġiċi uffiċjali, il-laqgħat u s-summits ministerjali, il-proposti għall-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet internazzjonali, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ippjanar tal-attivitajiet ta' sostenn għad-demokrazija;*

- *tkompli taġevola l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-Parlament u s-SEAE, inklużi d-Delegazzjonijiet tal-UE, fil-kuntest taż-żjarat uffiċjali tal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-pajjiżi terzi;*

- *tiżviluppa aktar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna f'Servizz Diplomatiċu Ewropew effettiv;*

- *issaħħaħ il-kooperazzjoni tajba li diġà teżisti bejn il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u tal-PE u dawk koperti minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;*

- *tassoċja lill-Parlament Ewropew b'mod eqreb mal-pożizzjonijiet u mad-deċiżjonijiet rigward il-proċessi ta' ađeżjoni?*

- *iżżomm l-iskambji ta' fehmiet regolari kemm fil-plenarja kif ukoll fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (inkluż id-“djalogu strutturat” u tiżgura l-preżenza ad hoc tiegħek fil-Kumitat b'avviż minn qabel qasir f'każ ta' avvenimenti sinifikanti jew żviluppi importanti); tiżgura l-preżenza regoli tiegħek fil-Konferenzi Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK;*

Minbarra d-dibattiti plenarji, b'mod partikolari biex tiġi konkluża l-adozzjoni tar-rapport annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-PESK u l-PSDK f'konformità mal-Artikolu 36 TUE, u r-rapport annwali: “Id-drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja”, nemmen li nistgħu wkoll intejbu d-diskussjonijiet parlamentari billi niffukaw fuq għadd immirat ta' suġġetti tal-politika barranija, u b'hekk nikkonċentraw fuq diskussjonijiet f'waqthom, sinċieri u sostanzjali, b'riżultati li juru d-determinazzjoni u l-involvement tagħna lejn sħab terzi. Jistgħu jiġu previsti wkoll laqgħat *ad hoc* fil-format xieraq, speċjalment għal deċiżjonijiet u sitwazzjonijiet li jinbidlu malajr. Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni wkoll nattendu regolarment, sa fejn ikun possibbli, għall-Konferenzi Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK.

- *ittejeb is-sessjonijiet ta' informazzjoni personalizzati (in-person briefings) lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, b'mod regoli u puntwali kemm qabel kif ukoll wara l-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin, anki fil-formazzjoni “Difiża”, u tagħti informazzjoni mhux pubblika pertinenti u rilevanti (anki permezz tal-laqgħat bil-magħluq meta debitament ġustifikat biss) dwar kwalunkwe sitwazzjoni internazzjonali attwali u rapportar politiku mis-SEAE;*

Se ninforma u nikkonsulta lill-Kumitat AFET, qabel il-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin u dwar ir-riżultati tagħhom. Il-kondiviżjoni ta' rapporti u informazzjoni kkontribwiet biex jiżdied l-għarfien komuni tagħna dwar suġġetti tal-affarijiet barranin, u biex niżviluppaw qafas komuni u fehim tal-azzjonijiet tagħna. Jekk niġi kkonfermata, se nkompli nimplimenta bis-sħiħ l-arranġamenti prattiċi tal-leġiżlatura preċedenti (jiġifieri l-kondiviżjoni aktar rapida tal-informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi) u se nagħti struzzjonijiet lis-servizzi rilevanti biex jaħdmu mal-Parlament Ewropew u biex jagħtuni pariri dwar titjib ieħor possibbli, filwaqt li niżgura s-sigurtà u l-kunfidenzjalità xierqa.

- *tkompli l-kollaborazzjoni sħiħa mal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew;*

Filwaqt li n-negożjati għal arranġament ġdid bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli dwar l-aċċess tal-Parlament għal informazzjoni klassifikata se jkomplu, se nżomm lill-Membri tal-Parlament Ewropew infurmati dwar l-informazzjoni klassifikata fil-laqgħat mal-Kumitat Speċjali, b'rispett sħiħ tar-regoli relatati mal-kondiviżjoni ta' din it-tip ta' informazzjoni.

- *tintensifika l-laqgħat ta' konsultazzjoni konġunta fl-ambitu tal-PESK b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni bil-miktub minn qabel mingħand is-servizzi tiegħek dwar id-deċiżjonijiet baġitarji kollha relatati mal-PESK;*

Jekk niġi kkonfermata, nimpjenja ruħi li naqsam mal-Parlament l-implikazzjonijiet baġitarji tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill relatati mal-baġit tal-PESK malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-Laqgħat Konġunt ta' Konsultazzjoni. Se nagħti wkoll struzzjonijiet lill-President tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, lill-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI, Foreign Policy Instruments) u lill-maniġment superjuri tas-SEAE, kif xieraq, biex ikomplu jinfurmaw lill-Presidenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Baġit, kif ukoll Membri rilevanti oħra tal-Parlament Ewropew, dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-PESK.

- *tiżgura li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jidhru quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u li l-ħatra tagħhom tkun subordinata għall-konferma mingħand il-Parlament, kif ukoll tiżgura li l-Kapijiet tal-missjonijiet PSDK u l-uffiċjali ta' livell għoli tas-SEAE jidhru quddiem il-Kumitat u jagħtu l-kontributi sinifikattivi tagħhom, b'mod partikolari fil-laqgħat bil-magħluq, u tkompli l-organizzazzjoni tal-“EP-leg” tal-“Konferenza Annwali tal-Ambaxxaturi”; taċċerta ruħek li żżomm bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri xieraq meta taħtar Kapijiet tad-Delegazzjonijiet ġodda u uffiċjali ta' livell għoli ġodda fis-SEAE;*

Nimpjenja ruħi li nkompli l-prattika li l-Ambaxxaturi u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, li għadhom kif inħatru, ikunu disponibbli għall-iskambji ta' fehmiet mal-Kumitat AFET meta jibdeu il-mandat tagħhom u matul il-karigi tagħhom. Fir-rigward tal-Konferenza Annwali tal-Ambaxxaturi, il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew għandha valur miżjud ċar u t-tkomplija tal-organizzazzjoni tal-“EP-leg” se ġġib saħansitra aktar opportunitajiet biex is-sensibilizzazzjoni tad-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi tiġi integrata mad-diplomazija parlamentari.

Il-proċeduri tal-għażla tas-SEAE huma bbażati b'mod sod fuq il-mertu. Jekk niġi kkonfermata, se nagħti attenzjoni partikolari biex niżgura bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri adegwat. Is-SEAE qed jadvanza b'mod kostanti lejn l-għan li tintlaħaq parità sħiħa bejn il-ġeneri fil-livelli manidgerjali kollha sal-2025, u qed jagħmel ukoll progress lejn bilanċ ġeografiku akbar. Biex nikkonsolida dawn ix-xejriet pożittivi u nindirizza l-iżbilanċi, se nikkollabora mill-qrib mal-Istati Membri kollha, u nhegġgħom jipproponu grupp ta' kandidati kwalifikati sew u bbilanċjat bejn il-ġeneri.

- *tissinkronizza aħjar l-attivitajiet tal-Kummissjoni/tas-SEAE, pereżempju permezz tal-kondiviżjoni sistematika u minn qabel tal-kalendarji ppjanati dwar il-ħruġ ta' dokumenti strateġiċi uffiċjali, il-laqgħat u s-summits ministerjali, il-proposti għall-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet internazzjonali, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ippjanar tal-attivitajiet ta' sostenn għad-demokrazija;*

Fir-rigward tal-informazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-ippjanar ta' ftehimiet internazzjonali bħala parti mill-eżerċizzju ta' programmazzjoni annwali, flimkien mal-impenn tiegħi li jirriżulta mill-Artikolu 218(10) TFUE u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, jiena lesta li nesplora modi kif intejbu l-kondiviżjoni bikrija tal-informazzjoni dwar l-ippjanar sabiex nissinkronizzaw aħjar l-attivitajiet tal-Kummissjoni/tas-SEAE u tal-Parlament. Se nżomm ukoll lill-Kumitat AFET infurmat dwar l-iskedi ta' żmien għad-dokumenti, il-laqgħat, il-missjonijiet u d-djalogi uffiċjali. B'mod aktar ġenerali, beħsiebni ninvolvi ruħi mill-qrib fid-djalogu li l-Kummissjoni twettaq mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill qabel u wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali.

- *tkompli taġevola l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-Parlament u s-SEAE, inklużi d-Delegazzjonijiet tal-UE, fil-kuntest taż-żjarat uffiċjali tal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-pajjiżi terzi;*

Nimpenja ruħi li nkompli l-implimentazzjoni attwali tal-Linji Gwida għaż-żjarat tad-Delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Se nagħti struzzjonijiet lis-SEAE biex ikompli jaħdem mill-qrib mas-servizzi tal-Parlament matul il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, tħejjija u twettiq ta' missjonijiet Parlamentari barra mill-pajjiż, b'mod partikolari għaliex dan se jiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-ħidma tad-Delegazzjonijiet tal-UE u d-diplomazija parlamentari.

- *tiżviluppa aktar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna f'Servizz Diplomatiku Ewropew effettiv;*

Jekk niġi kkonfermata, l-iżvilupp tas-SEAE f'"servizz diplomatiku tal-UE lest għall-futur" se jkun prijorità minn ta' quddiem nett. Il-kooperazzjoni strateġika mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew se tibqa' essenzjali, inkluż dwar kwistjonijiet ta' baġit u riżorsi umani, biex jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani adegwati għas-SEAE sabiex l-UE tkun attur politiku u ta' sigurtà kredibbli globalment. B'mod kruċjali, l-enfasi fuq l-iżvilupp u t-taħriġ tal-persunal se tippermettilna niddefinixxu kultura diplomatika u ta' ġestjoni komuni. F'dan ir-rigward, it-twaqqif ta' Akkademja Diplomatika Ewropea (EUDA, European Diplomatic Academy) – kif proposta mill-Parlament Ewropew – se jkollu rwol ċentrali fit-tiswir ta' korpi diplomatiki Ewropej veri.

- *issaħħaħ il-kooperazzjoni tajba li diġà teżisti bejn il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u tal-PE u daww koperti minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;*

Il-ħidma fi grupp eċċellenti bejn il-Parlament Ewropew, is-SEAE, u l-Kummissjoni Ewropea hija ċentrali għas-suċċess tal-Osservazzjoni Elettorali tal-UE. Il-koordinazzjoni ma' osservaturi internazzjonali oħra għandha tkompli, abbażi tad-dikjarazzjoni internazzjonali tal-prinċipji dwar l-osservazzjoni elettorali, inkluż permezz ta' laqgħat li kull sena jattendu għalihom il-Parlament, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni.

- *tassoċja lill-Parlament Ewropew b'mod eqreb mal-pożizzjonijiet u mad-deċiżjonijiet rigward il-proċessi ta' adeżjoni?*

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għat-Tkabbir biex isir progress fil-proċess tat-tkabbir fis-snin li ġejjin. L-appoġġ tal-Parlament Ewropew għall-proċess u l-involviment mas-sħab tat-tkabbir, b'mod partikolari permezz tal-Kumitati Parlamentari Konġunti mal-pajjiżi kandidati, se jgħin biex jinkoraġġixxi l-avvanz tal-proċess tat-tkabbir u jiffoka l-enerġija politika fuq ir-riformi meħtieġa.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp

8. *Fid-dawl tal-ittra ta' missjoni tiegħek, aħna fiduċjużi li r-RGħ/VP jaġixxi bħala intermedjarju onest biex jiżviluppa politika estera tassew ibbilanċjata u jsostni l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Fid-dawl tar-rwol ġenerali tiegħek, x'approċċ se tadotta rigward il-ħidma fil-Kulleġġ għall- "ispinta ġdida lill-finanzjament tal-azzjoni esterna", bil-għan li tkompli tirrifletti distribuzzjoni reġjonali u tematika bbilanċjata kif inhi bħalissa fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali? Liema miżuri u inizzjattivi konkreti se tiegħu biex "tiżgura rabta aħjar bejn il-politiki interni u esterni tal-UE" kif indikat fl-ittra ta' missjoni tiegħek? Kif sejra tagħmel operattiva l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli fil-proċessi leġiżlattivi u politiki kollha?*

Fid-dawl tal-Ittra ta' Missjoni tiegħek, aħna fiduċjużi li r-RGħ/VP jaġixxi bħala intermedjarju onest biex jiżviluppa politika estera tassew ibbilanċjata u jsostni l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).

Mhux biss se nagħmel ħilti biex inkun medjatur onest fl-iżvilupp ta' politika barranija verament ibbilanċjata li hija mfassla biex tiffaċċja r-realtajiet ġeopolitiċi attwali, iżda nemmen personalment ukoll li s-suċċess tal-UE bħala attur tal-politika barranija huwa kompletament dipendenti fuq il-kapaċità tagħna li nitkellmu b'vuċi waħda, u se nfitteż li niddjaloga b'mod regolari mal-Kunsill u mal-Istati Membri. Dan huwa kif l-UE tista' tkun kontributur prattiku u ta' suċċess fl-inizzjattivi globali, kif għamilna dan l-aħħar man-NU u mas-sħab, biex infasslu u niżguraw l-adozzjoni ta' Patt ambizzjuż għall-Futur.

Jekk niġi kkonfermata, se nkun soda fl-impenn tiegħi għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU u niżgura li dawn jiġu integrati fl-azzjoni esterna kollha tal-UE. Din hija sempliċement politika barranija tajba u nemmen li m'għandu jkun hemm l-ebda kompromess f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-impatt ta' diversi kriżijiet – mit-tibdil fil-klima sal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani – xekklu b'mod sinifikanti l-progress fl-implimentazzjoni tal-SDGs. Huwa għalhekk li l-promozzjoni u l-appoġġ għall-kisba tal-SDGs se jibqgħu l-element ewlieni tas-sħubijiet internazzjonali tal-UE u r-raġuni l-għaliex l-approċċ il-ġdid tal-UE, sostnut mill-Global Gateway, diġà jippermetti li l-UE tikkontribwixxi b'mod aktar sinifikanti u effettiv għall-SDGs. Fir-rigward ta' stati fraġli, pajjiżi li qed jiffaċċjaw instabbiltà jew f'kundest kumplessi u każijiet oħra fejn il-Global Gateway mhuwiex l-istrument ċentrali tas-sħubijiet tagħna, se niżgura wkoll, flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, li nkunu nistgħu noffru appoġġ immirat li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura.

Fid-dawl tar-rwol ġenerali tiegħek, x'approċċ se tadotta rigward il-ħidma fil-Kulleġġ għall- "ispinta ġdida lill-finanzjament tal-azzjoni esterna", bil-għan li tkompli tirrifletti distribuzzjoni reġjonali u tematika bbilanċjata kif inhi bħalissa fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali?

L-UE se tkun tista' biss tindirizza l-isfidi li ġejjin b'baġit ġdid adatt għall-ambizzjonijiet tagħha, inkluż b'finanzjament għall-azzjoni esterna mġedded. Dan għandu jifassal kemm b'mod li jaqbel mas-sħab li naħdmu magħhom kif ukoll b'mod allinjat mal-interessi strateġiċi tagħna sabiex ikollu impatt. Hemm bżonn li r-riflessjoni tagħna tibda b'"xi rridu niffinanzjaw?" biex imbagħad naraw "kif" nistgħu nwettqu bl-aħjar mod l-oġettivi tagħna u nimmassimizzaw ir-riżultati fil-prattika. Meta nfasslu l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid se jkollna bżonn nitgħallmu minn dak attwali, b'mod partikolari f'termini ta' sempliċità, flessibilità, ħeffa u fokus strateġiku. Il-QFP futur se jifassal ukoll f'kundest radikalment differenti minn dak preċedenti, b'riskji ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi ħafna oġhla, u għandu jirriflettihom.

Filwaqt li ma nistax nantiċipa l-kontenut speċifiku tal-proposta tal-Kummissjoni, nista' nenfasizza li l-approċċ personali tiegħi, jekk tikkonfermawni bħala Viċi President, se jkun li ninvolvi ruħi bis-sħiħ f'dan il-proċess, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll mal-Kummissarji responsabbli mill-affarijiet esterni, biex niżgura li l-eżitu fil-proposta mill-Kummissjoni jinvolvi strumenti finanzjarji sodi u adatti li jappoġġaw bis-sħiħ l-azzjoni esterna tal-UE.

Liema miżuri u inizzjattivi konkreti se tiegħu biex "tiżgura rabta aħjar bejn il-politiki interni u esterni tal-UE" kif indikat fl-Ittra ta' Missjoni tiegħek? Kif sejra tagħmel operattiva l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli fil-proċessi leġiżlattivi u politiki kollha?

Jekk niġi kkonfermata Viċi President u f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se niżgura laqgħat regolari u f'waqthom tal-Kummissarji responsabbli mill-affarijiet esterni biex niddiskutu l-aspetti esterni tal-politiki tal-UE bi stedina estiża lill-Kummissarji rilevanti fejn ikun rilevanti. L-għan għandu jkun li jiġi żgurati li d-dimensjoni esterna tkun integrata b'mod konsistenti fil-politiki interni tagħna u viċi versa. Bl-istess għan, u kif speċifikat fl-

ittra ta' Missjoni tiegħi, se nipprepara dibattiti regolari tal-Kulleġġ dwar kwistjonijiet ta' politika barranija importanti fejn se nenfazizza wkoll kull fejn nara rabtiet ċari mal-politika interna tal-UE.

Flimkien ma' Membri oħra tal-Kulleġġ, jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex ninkorpora d-dimensjoni esterna fil-politiki interni tagħna, mit-tfassil tal-politika sal-implimentazzjoni, inkluż dwar kwistjonijiet baġitarji fejn se niżviluppaw rabta saħnsitra aktar b'saħħitha bejn il-finanzjament tal-azzjoni esterna u l-prijoritajiet tal-politika interna. Dan se jiżgura, pereżempju, li l-kunsiderazzjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli jiġu integrati fl-oqsma ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti kollha. Barra minn hekk, se nipromwovi l-valutazzjoni bikrija u l-integrazzjoni tal-impatti potenzjali tal-politiki tal-UE f'pajjiżi terzi fil-fażi tat-tfassil tal-politika, inklużi l-impatti kumulattivi potenzjali ta' diversi politiki tal-UE. Dan se jinkludi s-sensibilizzazzjoni kontinwa mas-sħab tagħna fi Brussell u permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE, biex nippreżentaw, nispegjaw u niddefendu l-politiki tagħna u niddiskutu mas-sħab fl-aktar stadju bikri, u fuq kollox biex nisimgħu t-tħassib u nwiegħbu għalih. Nixtieq ukoll niżgura appoġġ aktar immirat għas-sħab tagħna meta jkun meħtieġ, billi nakkumpanja l-introduzzjoni tal-politiki tal-UE b'miżuri ta' akkumpanjament biex ngħinuhom jaġġustaw ruħhom għal-leġiżlazzjoni rilevanti u jibbenefikaw minnha. Din hija parti fundamentali mill-operazzjonalizzazzjoni tal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli minqax fl-Aġenda 2030 u fl-SDG 17 tagħna dwar is-sħubijiet, kif ukoll fl-impenn tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp skont it-Trattati (l-Artikolu 208 TFUE).

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

9. Ġejt inkarigata ssawwar "politika ekonomika estera ġdida", f'kollaborazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali. Tista' tesponi fuq fuq l-ideat inizjali tiegħek rigward il-kontenut ta' din il-politika u l-kalendarju previst? X'inhu r-rwol tal-kummerċ u tal-investment f'din il-politika? Kif biħsiebek tikkooopera mal-Kummissarju inkarigat mill-kummerċ u mis-sigurtà ekonomika rigward il-proġettazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din il-politika ekonomika estera l-ġdida, kif ukoll, fuq livell aktar ġenerali, rigward it-tiswir ta' relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali? Fir-rwol tiegħek bħala Viċi President, kif se tiżgura li l-impatt fuq is-sħab kummerċjali tagħna se jitqies b'mod aktar sistematiku fil-proġettazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni? Fuq livell konkret, kif biħsiebek tikkollabora mal-pajjiżi mhux tal-UE milquta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u kif biħsiebek tikkooopera mal-Kummissarji l-oħra fuq din il-kwistjoni?

Ġejt inkarigata ssawwar "politika ekonomika estera ġdida", f'kollaborazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali. Tista' tesponi fuq fuq l-ideat inizjali tiegħek rigward il-kontenut ta' din il-politika u l-kalendarju previst? X'inhu r-rwol tal-kummerċ u tal-investment f'din il-politika?

F'dinja kkaratterizzata minn strumentalizzazzjoni dejjem akbar tad-dipendenzi, l-UE jeħtiġilha ssib il-bilanċ ġust bejn il-ftuħ ekonomiku – li jibqa' indispensabbli għall-prospertà tagħna – u l-protezzjoni meħtieġa, billi tiegħu pożizzjoni aktar assertiva biex issaħħaħ ir-reżiljenza tagħna, biex niddefendu ruħna minn kompetizzjoni inġusta u nindirizzaw ir-riskji. Jekk niġi kkonfermata, bħala prijorità tiegħi, insawwar il-"politika ekonomika barranija l-ġdida" flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u l-Istrateġija Industrijali skont l-Ittra ta' Missjoni tiegħi, u b'mod partikolari mal-Kummissarji inkarigati mill-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika, is-Sħubijiet Internazzjonali u Kummissarji rilevanti oħra. Il-ġeopolitika u l-ġeoeconomija jimxu id f'id, u l-istess għandu r-rispons tagħna.

Fir-rigward tal-ideat inizjali, il-President eletta diġà ddeskriviet l-approċċ ġenerali fil-Linji Gwida Politiċi mibnijin fuq tliet pilastru: is-sigurtà ekonomika, il-kummerċ u l-investment fis-sħubijiet. Abbażi ta' dan, jien nieħu l-impenn, jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President, li niżviluppa aktar u nimplimenta l-politika flimkien mal-Membri l-oħra tal-Kulleġġ, u niġbed konklużjonijiet mir-riċerka dwar dan is-suġġett, bħar-Rapport ta' Draghi. Meta nagħmlu dan, nemmen li għandna nimpennjaw ruħna wkoll ma' istituzzjonijiet oħra, inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kumitati rilevanti u l-Membri tagħhom, kif ukoll mas-sħab internazzjonali.

Se naħdem mal-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika dwar is-sigurtà ekonomika tal-Ewropa, filwaqt li nsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika tal-2023, u nkompli niżviluppa linja ġdida dwar is-sigurtà ekonomika. Nemmen li l-approċċ tagħna jrid ikompli jkun sostnut minn valutazzjoni tar-riskju konġunta u analiżi tat-tħeddid mal-Istati Membri tagħna, li abbażi tagħhom nistgħu niżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni mmirati u proporzjonati.

Nixtieq nenasfizza l-importanza tal-komponent ta' "sħubija" tal-approċċ tal-UE għall-politika ta' sigurtà ekonomika. Jeħtieġ li l-UE tftitx opportunitajiet biex toħloq sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, b'mod partikolari għad-diversifikazzjoni, filwaqt li tevita r-riperkussjonijiet mhux ġustifikati tal-politiki tagħna fuq ir-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi. Id-djalogi dwar is-sigurtà ekonomika, kif ukoll l-isforzi diplomatiċi, inkluż permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE, se jkollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tat-tieni pilastru – il-kummerċ – dan huwa komponent fundamentali tar-relazzjonijiet mas-sħab tagħna u għandna nimmiraw biex nikkonkludu n-negozjati li għaddejjin filwaqt li nesploraw l-ambiti u l-opportunitajiet li nifitħu oħrajn għodda. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika biex napprofondixxi r-rabtiet tal-kummerċ ħieles u ġust mas-sħab fid-dinja kollha. Is-sħubijiet il-għodda għal Kummerċ u Investimenti nodfa se jkunu element importanti tas-sħubijiet komprensivi tagħna. Fl-istess ħin għandna nkunu lesti wkoll li nimmobilizzaw l-istrumenti tagħna għad-difiża tal-kummerċ fejn u meta jkun meħtieġ, filwaqt li niżguraw kundizzjonijiet ekwi, u niżguraw li nifitħu bis-sħiħ l-impatti tal-miżuri li nieħdu internament fuq is-sħab tagħna, u li nkunu lesti nappoġġawhom u nindirizzaw it-tħassib tagħhom. Ir-riforma u t-tisħiħ tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) se jibqgħu wkoll prijorità.

Dwar it-tielet pilastru – l-investiment fi sħubijiet – ir-realtà tal-lum hija tali li l-UE teħtieġ taħdem mas-sħab biex tilħaq il-biċċa l-kbira tal-oġġettivi tagħha bħala Unjoni. L-għan tagħna hawnhekk għandu jkun li noħolqu "offerta" koerenti u integrata li hija ta' benefiċċju kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab, u li tippermetti li ż-żewġ naħat irawmu sħubijiet fit-tul, sostenibbli u reċiprokament vantaġġużi. Se jkun essenzjali li l-istrategġija Global Gateway tittella' għal-livell li jmiss f'dan l-isforz, billi niżguraw u nsaħħu s-sinerġiji mal-kummerċ u fl-appoġġ makroekonomiku b'pakkett integrat, kif ukoll billi nikkonsolidaw il-Global Gateway fl-azzjoni esterna u fil-politika barranija tagħna f'sens wiesa'.

Kif biħsiebek tikkoopera mal-Kummissarju inkarigat mill-kummerċ u mis-sigurtà ekonomika rigward il-proġettazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din il-politika ekonomika estera l-għdida, kif ukoll, fuq livell aktar ġenerali, rigward it-tiswir ta' relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali?

L-ewwel nett, il-politiki tal-UE għandhom dejjem ikunu ggwidati mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali. Pereżempju l-Global Gateway għandu għeruqu fir-rispett u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u n-normi u l-istandards internazzjonali, u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) tal-UE rabtu d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' ftehimiet ta' qafas politiki. Jekk niġi kkonfermata nieħu l-impenn li nintegra d-drittijiet tal-bniedem fid-dimensjonijiet kollha tar-relazzjonijiet esterni tagħna, inkluż fil-politika ekonomika barranija l-għdida.

It-tieni, filwaqt li ma nippreġudikax il-metodi ta' ħidma tal-Kummissjoni, nipprevedi ħafna opportunitajiet għalina biex niddiskutu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika barranija l-għdida f'din il-konfigurazzjoni, pereżempju. Meta nqis l-Ittra ta' Missjoni rispettiva tagħna, hemm ukoll għadd ta' fajls speċifiċi li nistenna li nikkooopera dwarhom mill-qrib mal-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika, bħat-tisħiħ tas-sħubija transatlantika mal-Istati Uniti, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet kumplessi maċ-Ċina, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mar-Renju Unit, l-iżvilupp ta' Aġenda Strateġika għdida bejn l-UE u l-Indja, u l-ġestjoni u l-approfondiment b'mod aktar wiesa' tas-sħubijiet tagħna fid-dinja kollha.

Fir-rwol tiegħek bħala Viċi President, kif se tiżgura li l-impatt fuq is-sħab kummerċjali tagħna se jitqies b'mod aktar sistematiku fil-proġettazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni? Fuq livell konkret, kif biħsiebek tikkollabora mal-pajjiżi mhux tal-UE milquta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u kif biħsiebek tikkoopera mal-Kummissarji l-oħra fuq din il-kwistjoni?

Skont il-Linji Gwida Politiki li jenfasizzaw b'mod ċar il-ħtieġa li jkun hemm approċċ aktar sistematiku għall-valutazzjoni tal-impatt tad-dritt tal-UE fuq pajjiżi mhux tal-UE, u skont iż-żewġ Ittri ta' Missjoni tagħna, il-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika u jien ġejna fdati biex naħdmu flimkien biex niżguraw li l-Ewropa tinvolvi ruħha u twieġeb għat-tħassib tas-sħab milquta mill-għażliet li nagħmlu.

Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li d-dimensjoni esterna tal-politiki interni tagħna tkun inkorporata bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ, mit-tfassil tal-politika sal-implimentazzjoni, inkluż dwar il-finanzjament. Fil-prattika, dan narah bħala:

- il-valutazzjoni tal-impatti potenzjali tal-politika *ex ante*;

- l-involvement fi djalogu mas-sħab kemm jista' jkun kmieni fil-proċess tat-tfassil tal-politika;
- l-iżvilupp ta' rabta aktar b'saħħitha bejn il-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE u l-prijoritajiet ta' politika interna tal-UE, mill-klima u l-enerġija sas-sigurtà diġitali u tal-ikel
- komunikazzjoni proattiva – fi Brussell u fuq il-post, permezz tad-Delegazzjoni rilevanti tal-UE – dwar opportunitajiet emerġenti li l-politiki tal-UE jistgħu jirrappreżentaw għal pajjiżi terzi;
- appoġġ immirat biex jgħin lis-sħab jaġġustaw u jimmitigaw l-impatti, inkluż billi jimmobilizzaw l-atturi tal-UE f'approċċ ta' Tim Ewropa, meta u fejn meħtieġ.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

10. Se tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala prijorità fl-inizjattivi kollha fl-ambitu tal-azzjoni esterna tal-UE? Xi pjanijiet konkreti għandek biex tagħti segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna 2021–2025 (GAP III) u timpenja ruħek li tadotta, flimkien mal-Kummissarji rilevanti, GAP IV? X'miżuri se tieħu biex timplimenta l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u tagħtiha prijorità, speċjalment fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-garanzija tal-parteċipazzjoni u tat-tmexxija tan-nisa fil-kuntesti kollha relatati mal-paċi u mas-sigurtà? Kif se tindirizza l-ksur tad-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi terzi, speċjalment il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-ksur li jsir minn Prattiki dannużi oħra, u se tkompli tappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, lid-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u lid-difensuri tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+? Kif se tikkoopera mal-Parlament Ewropew u tinvolvi lill-Kumitat FEMM f'dan ir-rigward?

Se tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala prijorità fl-inizjattivi kollha fl-ambitu tal-azzjoni esterna tal-UE?

Iva. Ma hemm l-ebda soluzzjoni sostenibbli għall-isfidi globali attwali jekk l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma titqiesx mill-bidu nett. Jekk niġi kkonfermata, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri – u l-ugwaljanza b'mod aktar wiesa' – fil-politika estera u ta' sigurtà tagħna hija prijorità assoluta għaliha, b'mod partikolari għaliex hija kruċjali biex tirnexxi. Fil-prattika, se nfttex li nibni alleanza fost il-Kummissarji rilevanti li għalihom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa jaqgħu taħt il-portafollu tagħhom, u jeħtieġ li jiġu integrati fil-ħidma tagħhom.

Xi pjanijiet konkreti għandek biex tagħti segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna 2021–2025 (GAP III) u timpenja ruħek li tadotta, flimkien mal-Kummissarji rilevanti, GAP IV?

Peress li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III (GAP III) se jkun fis-seħħ sal-2027, l-enfasi għalissa trid tkun fuq l-implimentazzjoni tiegħu. Dan diġà ppermetteli naħaffu l-progress biex immexxu 'l quddiem id-drittijiet tan-nisa u nallinjaw l-isforzi tagħna f'dan ir-rigward mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali eżistenti. Wara l-2027, strateġija futura trid tiżgura rabta saħansitra aktar b'saħħitha bejn id-drittijiet tan-nisa u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE, allinjata mal-kooperazzjoni internazzjonali. Il-koerenza bejn l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri se tiġi żgurata wkoll permezz tat-tiġdid tal-istrateġija tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-2025.

X'miżuri se tieħu biex timplimenta l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u tagħtiha prijorità, speċjalment fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-garanzija tal-parteċipazzjoni u tat-tmexxija tan-nisa fil-kuntesti kollha relatati mal-paċi u mas-sigurtà?

L-aġenda tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS, Women, Peace and Security) qed issir dejjem aktar rilevanti fil-kuntest tal-ġeopolitika attwali u ż-żieda fil-gwerer u l-kunflitt. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fl-isforzi għall-bini tal-paċi hija fundamentali għall-paċi sostenibbli. Hawnhekk l-UE għandha tieħu pożizzjoni ċara u soda sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS. Min-naħa tiegħi, se naħdem mal-esperti tas-SEAE, inkluż l-Ambaxxatur tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità, biex insaħħaħ il-parteċipazzjoni u t-tmexxija tan-nisa fil-kuntesti u d-diskussjonijiet kollha relatati mal-

paċi u s-sigurtà. Se naħdem ukoll biex intejbu l-kooperazzjoni tagħna ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra biex nilħqu l-oġġettivi tal-aġenda tad-WPS fil-forma attwali tagħha. Fil-futur, se nibdew ir-riflessjonijiet tagħna dwar it-tieni pjan ta' azzjoni dwar id-WPS, allinjat mal-GAP III u integrat fih. Dan se jsir b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-aġenda attwali, u permezz ta' sħubija ma' koalizzjonijiet ġeografikament diversi ta' stati u ta' partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili.

B'mod simili, se niżgura li l-UE tkun sostenitur ferventi ta' approċċi ċċentrati fuq il-vittmi u s-superstiti u ta' mekkaniżmi ta' ġustizzja tranżizzjonali biex tiġi indirizzata l-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti, inkluż f'kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċċju tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti.

Kif se tindirizza l-ksur tad-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi terzi, speċjalment il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-ksur li jsir minn Prattiki dannużi oħra, u se tkompli tappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, lid-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u lid-difensuri tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+? Kif se tikkoopera mal-Parlament Ewropew u tinvolvi lill-Kumitat FEMM f'dan ir-rigward?

Filwaqt li nqis li illum il-ġurnata hemm aktar għarfien globali dwar l-importanza tal-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet milli fi kwalunkwe punt ieħor fl-istorja, ir-rigress biex jitwettqu d-drittijiet tal-bniedem għan-nisa kien sinifikanti. Mal-40 % tan-nisa u l-bniet għadhom jgħixu f'pajjiżi fejn il-livelli ta' diskriminazzjoni huma għoljin jew għoljin ħafna; f'46 pajjiż li jirrappreżentaw 16 % tal-popolazzjoni tan-nisa fid-dinja, il-vjolenza domestika mhijiex meqjusa bħala reat. Jekk niġi kkonfermata, se nistinka biex l-UE tagħmel użu sħiħ mis-sett ta' għodod tagħha biex tindirizza ksur differenti, inkluż impenji mmirati mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Mibgħuta Speċjali u l-Ambaxxatur tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità.

It-tmim ta' normi u Prattiki dannużi speċifiċi, inkluża l-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili, se tibqa' kwistjoni importanti fl-azzjoni esterna tal-UE. Se nistinka għall-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali, inkluża r-responsabbiltà, u se nfitteq li nibni koalizzjonijiet b'saħħithom f'fora multilaterali biex jintlaħaq dan l-għan. L-involviment mal-Membri tal-Kumitat FEMM dwar dan inqisu partikolarment importanti. Il-ħidma annwali b'rabta mal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW, Commission on the Status of Women) hija Prattika pożittiva li nixtieq ferm inkompli.

L-UE għadha titqies bħala mexxejja globali fir-rigward tal-valuri, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli. Jekk fil-fatt aħniex jiddependi fuq kif niddefendu dawn il-valuri fil-Prattika, inkluż kif niżguraw li d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ikunu protetti biex iwettqu l-ħidma importanti tagħhom. Il-protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi d-Difensuri Nisa tad-Drittijiet tal-Bniedem (WHRDs, Women Human Rights Defenders) u tad-difensuri tad-drittijiet tal-LGBTIQ, se tibqa' fil-qalba tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn se jibqgħu fost il-benefiċjarji ewlenin tal-fondi tal-UE. Id-dekriminalizzazzjoni universali ta' relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess se tibqa' wkoll għan tal-ħidma tal-UE marbuta mad-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li nagħti widien għal dan l-appell tal-Parlament, se nivvaluta wkoll kif nistgħu nużaw għodod politiċi, diplomatiċi, ta' kooperazzjoni u kummerċjali biex inkomplu b'dan l-għan.

Jien konxja bis-sħiħ tar-rekord qawwi u l-appoġġ tal-Parlament Ewropew għan-nondiskriminazzjoni u l-kwistjonijiet kollha ta' ugwaljanza. Għalhekk, nikkunsidrak bħala alleat estremament importanti fil-ħidma tiegħi f'dan il-qasam, u se nfitteq modi kif nistabbilixxu rabtiet aktar strateġiċi.

Mistoqsijiet mis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem

11. Liema miżuri konkreti biħsiebek tiegħi biex tiżgura li l-progress fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt ikun oġġettiv strateġiku tal-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni/ir-rispett tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali, l-assistenza finanzjarja tal-UE u r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem? Timpenja ruħek li taħdem favur il-protezzjoni tal-integrità elettorali billi taġġorna l-linji gwida tal-UE dwar l-appoġġ elettorali u l-osservazzjoni elettorali msaħħa? Kif tqis is-sħubija mal-Parlament Ewropew f'dawn l-oqsma?

Liema miżuri konkreti biħsiebek tiegħu biex tiżgura li l-progress fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt ikun objettiv strateġiku tal-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni/ir-rispett tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali, l-assistenza finanzjarja tal-UE u r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'raba mad-Drittijiet tal-Bniedem?

Skont l-Artikolu 21 (TUE) l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali kienet u se tibqa' ggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien tagħha stess, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali. Dawn huma l-valuri ewlenin tal-UE, u l-Linji Gwida Politiċi jagħmluha ċara ħafna li waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni hija li tippromwovi l-valuri tal-UE kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. Hija wkoll kwistjoni ta' interess tal-UE: is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE tiddependi wkoll fuq kemm id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jiġu rrispettati fil-bqija tad-dinja. Jekk niġi kkonfermata, nimpjenja ruħi li nipromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, mhux biss bħala obbligu legali skont it-Trattat, iżda wkoll bħala prijorità strateġika. Se nintegra din l-aġenda bħala parti mill-ħidma mill-qrib mal-Kummissarji rilevanti, il-Kunsill u l-Istati Membri, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, u Rappreżentanti Speċjali oħra tal-UE biex tiżdied l-effettività tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Se nfitteż ukoll li naħdem aktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, pajjiżi terzi, u s-soċjetà ċivili.

Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li nindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem fid-djalogu tagħna ma' pajjiżi terzi. Se nkomplu naħdmu ma' sħab biex nappoġġawhom u nħeġġuhom jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u jsegwuhom b'mod sistematiku. Id-drittijiet tal-bniedem huma valuri universali li huma inerenti għad-dinjità ta' kull bniedem. Se ninkariga lis-servizzi tiegħi, fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-UE, biex jiddjalogaw ma' pajjiżi terzi u jxerjenu n-narrattivi li juru d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bħala ħlieqa tal-"Punent". Jekk niġi kkonfermata, se naħdem ukoll mal-Kummissarju għall-Affarjiet Interni u l-Migrazzjoni u Kummissarji rilevanti oħra dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni. B'mod partikolari, se nfitteż li niżgura li kull meta l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni jkunu parti operazzjonali mis-sħubijiet komprensivi tagħna, jiġi ggarantit ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Nirrikonoxxi l-interess tal-Parlament Ewropew li jiżgura li l-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet tal-UE jkunu kemm effettivi kif ukoll operattivi. Il-ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) tal-UE konklużi ma' pajjiżi terzi sa mill-2009 huma marbutin mad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' qafas politiċi. Dawn il-klawżoli jstabilixxu aspettattivi ċari u maqbula b'mod reċiproku u jipprovdu kanali istituzzjonali għal djalogu regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll għall-kooperazzjoni mal-atturi tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab. Filwaqt li s-sospensjoni tal-ftehimiet tal-UE, inklużi l-aspetti kummerċjali, hija prevista f'każijiet ta' ksur ta' klawżoli ta' elementi essenzjali, din titqies bħala miżura tal-aħħar istanza. Id-djalogu huwa dejjem l-approċċ ippreferut sa fejn ikun possibbli, kif rifless fid-dibattiti mal-Istati Membri tal-UE. Bħala parti mill-politika kummerċjali tagħna, il-kundizzjonalità tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) tipprovdi wkoll inċentivi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jipproteġu l-ambjent. Kif tafu, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar emenda fir-Regolament SĠP eżistenti, sabiex tiġi estiża l-iskema SĠP għall-perjodu 2024-2027 filwaqt li n-negożjati jkomplu jiffinalizzaw ir-rieżami.

Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet b'raba mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSSR, Global Human Rights Sanctions Regime), maħluq fl-2020, se jibqa' komponent importanti tas-sett ta' għodod tagħna dwar id-drittijiet tal-bniedem. Minn Ottubru 2024, dan ġie applikat għal 117-il individwu u 33 entità. Is-sanzjonijiet ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat, iżda bħala parti minn approċċ ta' politika usa'. L-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi kontra individwi, entitajiet u korpi, inkluż atturi statali u mhux statali, involuti jew assoċjati ma' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, tibgħat ukoll messaġġ qawwi lil awturi potenzjali. F'dan is-sens, dan l-istrument għandu wkoll funzjoni preventiva. Jekk niġi kkonfermata, mhux se noqgħod lura milli nipproponi listi ġodda meta naraw ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn individwi, entitajiet jew korpi fi kwalunkwe post fid-dinja.

L-assistenza finanzjarja tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija hija sinifikanti u kruċjali għall-effettività tal-ħidma tagħna f'dan il-qasam. Permezz tal-programm tematiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, l-UE tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija. Dan jinkludi firxa wiesgħa ta' proġetti li jippromwovu, fost l-oħrajn, il-parteċipazzjoni politika u

ċivika, il-media indipendenti u l-pluraliżmu tal-media, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif ukoll il-ġlieda kontra l-impunità u l-qerda tat-tortura. L-UE hija wkoll provdutor importanti ta' appoġġ urġenti lid-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem f'riskju. L-appoġġ għad-demokrazija u l-governanza tajba huma wkoll integrati fil-kooperazzjoni bilaterali fejn ir-riżorsi huma oġġa b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, il-Global Gateway jagħti appoġġ għal proġetti ta' infrastruttura filwaqt li jiżgura li l-pajjiżi sħab jaderixxu mal-istat tad-dritt u jżommu standards għoljin tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u tal-ħaddiema, speċjalment meta dawn il-proġetti jkollhom impatt fuq il-komunitajiet lokali bħal fil-każ tal-industriji estrattivi. Dan se jibqa' jgħodd għall-futur.

Timpenja ruġiek li taħdem favur il-protezzjoni tal-integrità elettorali billi taġġorna l-linji gwida tal-UE dwar l-appoġġ elettorali u l-osservazzjoni elettorali msaħħa?

L-osservazzjoni elettorali tal-UE hija strument prattiku u effettiv tal-politika barranija li jibqa' ċentrali għall-politiki u l-istrateġiji tal-UE għall-appoġġ tad-demokrazija. Hija eżempju ta' kooperazzjoni interistituzzjonali, peress li hija r-riżultat ta' ħidma eċċellenti f'tim bejn il-Parlament Ewropew, is-SEAE u l-Kummissjoni. Nieħu din l-oportunità biex infaħħar id-dedikazzjoni tal-Onorevoli Membri li servew bħala Osservaturi Ewlenin jew bħala membri tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Parlament Ewropew, li huma ċentrali għas-suċċess tal-Missjonijiet tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali tagħna.

Il-komunikazzjoni dwar l-Assistenza u l-Osservazzjoni tal-UE waqt l-elezzjonijiet tmur lura għall-2000. Mingħajr preġudizzju għall-eżiti ta' diskussjonijiet jew deċiżjonijiet futuri tal-Kulleġġ, se nikkunsidra li nqajjem u niddiskuti l-oportunità għal Komunikazzjoni ġdida waqt il-mandat li jmiss. Dan jista' jippermettilna li nafferemaw mill-ġdid l-importanza tal-osservazzjoni elettorali bħala strument, li nikkonfermaw ir-rabta tal-UE mal-assistenza elettorali bħala strument ewlieni għall-promozzjoni tad-demokrazija, u nivvalutaw kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ biex jirrifletti aħjar l-isfidi attwali fil-proċessi elettorali. Sadanittant, il-manwal għall-Osservazzjoni Elettorali tal-UE ġie aġġornat regolarment matul dawn l-aħħar snin. Ir-raba' edizzjoni għandha tkun lesta għall-pubblikazzjoni matul l-2025.

Kif tqis is-sħubija mal-Parlament Ewropew f'dawn l-oqsma?

Il-Parlament Ewropew huwa sieħeb essenzjali fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja permezz ta' azzjonijiet konkreti, inklużi d-dibattiti ta' urġenza, ir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, iż-żjarat fil-pajjiżi, il-Premju Sakharov u azzjonijiet politiċi oħra.

Is-sħubija tagħna hija soda, iżda nistgħu u għandna nsaħħuha. Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni niddjaloga regolarment mal-Parlament. Nimpenja ruġi wkoll li ngħaddi informazzjoni lill-Parlament – bil-fomm jew bil-miktub – dwar id-djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem u laqgħat importanti oħra tagħna.

Il-pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li jipprovdi l-pjan direzzjonali għad-drittijiet tal-bniedem fil-politika barranija tal-UE, ġie estiż sal-2027. Nistenna bil-ħerqa l-fehmiet tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' dan, iżda wkoll dwar il-prijoritajiet għal dak li jmiss.

Mistoqsijiet mis-Sottokomitati għas-Sigurtà u d-Difiża

12. Il-Boxxla Strateġika ġiet varata f'it wara li faqqgħet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u matul perjodu li fih is-sigurtà fil-viċinat tal-UE u lil hinn sejra għall-aġġar. Tikkunsidra li hemm bżonn li tvara rieżami tal-Boxxla Strateġika, inkluża analiżi tat-theddid u mmappjar tal-vulnerabbiltajiet u tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u tar-riżorsi tal-Istati Membri? L-ittri ta' missjoni fihom impenn li int u l-Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju tippreparaw White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, x' relazzjoni, fil-każ li hemm, tqis li din għandu jkollha mal-oqfsa previsti fil-Boxxla Strateġika u fil-Kunċett Strateġiku tan-NATO? Kif se tinvolvi lill-Parlament Ewropew f'dawn ir-riflessjonijiet strateġiċi u l-inizjattivi politiċi kollha bil-għan li tqis kif jifhimha l-Parlament u żżid is-sorveljanza demokratika tal-inizjattivi u tad-deċiżjonijiet relatati mad-difiża Ewropea?

Il-Boxxla Strateġika ġiet varata f'it wara li faqqgħet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u matul perjodu li fih is-sigurtà fil-viċinat tal-UE u lil hinn sejra għall-aġġar. Tikkunsidra li hemm bżonn li tvara rieżami tal-Boxxla Strateġika, inkluża analiżi tat-theddid u mmappjar tal-vulnerabbiltajiet u tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet u tar-riżorsi tal-Istati Membri?

Mill-2022, il-Boxxla Strateġika ggwidat l-isforzi tal-UE biex issaħħaħ il-politika ta' sigurtà u ta' difiża. L-UE laħqet l-oġettivi tagħha b'mod sinifikanti. L-invażjoni illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja u l-ambjent tat-theddid li qed jiddeterjora malajr wasslu għal sens ta' urġenza. Jien esperjenzajt dan direttament bħala eks Prim Ministru u membru tal-Kunsill Ewropew. Hemm fehim Ewropew komuni li l-UE jeħtieġ li tagħmel aktar, aħjar u taġixxi b'ħeffa, għas-sigurtà u d-difiża tagħna stess u globali.

Din ir-rieda politika diġà ssarrfet f'azzjoni u r-rekord tal-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika huwa b'saħtu:

- L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdeu appoġġ militari bla preċedent lill-Ukrajna;
- Tnedew missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari ġodda fl-Ukrajna, fir-Repubblika tal-Moldova, u fil-Baħar l-Aħmar.
- Is-sħubijiet tal-UE man-NATO u s-sħab strateġiċi ġew imsaħħa b'mod sostanzjali;
- Ġew żviluppatti strateġiji u għodod ġodda biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi għas-sigurtà u d-difiża fl-oqsma marittimi, spazjali u ċibernetiċi;
- L-għodod tal-UE biex jiġu miġġielda t-theddidiet ibridi, l-attakki ċibernetiċi u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin ġew imsaħħa;
- Ġie organizzat l-ewwel Eżerċizzju Militari Reali tal-UE;
- U ġew żviluppatti diversi inizjattivi ġodda ewlenin biex tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea.

Filwaqt li ħafna mill-azzjonijiet ġew implimentati, għad fadal ħafna xi jsir. Għadna mhux qed nagħmlu biżżejjed u għadna mhux qed nagħtu biżżejjed riżultati. Jeħtieġ li nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ngħinu lill-Ukrajna tirbaħ il-gwerra kontra r-Russja. Jeħtieġ li niżguraw li l-istrateġiji u s-settijiet ta' għodod tagħna jwasslu għal riżultati konkreti. Jeħtieġ li ntejbu t-tnejja tagħna għad-difiża, u ninċentivaw aktar l-isforzi tal-Istati Membri biex jippjanaw, jiżviluppaw, jakkwistaw u joperaw flimkien kapaċitajiet militari, u nibnu industrija tad-difiża li tkun kapaċi tagħti riżultati. Jeħtieġ li nindirizzaw il-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nidentifikaw l-opzjonijiet għall-finanzjament tagħhom.

L-Ewropa jrid ikollha l-mezzi biex tiddefendi u tipproteġi lilha nnifisha u biex tiskoraġġixxi avversarji potenzjali. Nemmen li hemm il-bżonn urġenti ta' Analiżi ġdida tat-Theddid biex nifhem u nirreaġixxu għall-ambjent ta' theddid li qed jinbidel malajr. Jekk niġi kkonfermata, abbażi ta' din il-valutazzjoni l-ġdida tal-isfidi li l-UE qed tiffaċċja, kif ukoll tal-istat tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-Boxxla Strateġika, lesta li nqis, flimkien mal-Kunsill u l-Istati Membri, modi konkreti ġodda biex insaħħu l-livell ta' ambizzjoni tagħna fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, anke fir-rigward tal-White Paper dwar il-futur tad-Difiża Ewropea u l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

L-ittra ta' missjoni fihom impenn li int u l-Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju tippreparaw White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, x'relazzjoni, fil-każ li hemm, tqis li din għandu jkollha mal-oqfsa previsti fil-Boxxla Strateġika u fil-Kunċett Strateġiku tan-NATO?

Il-Boxxla Strateġika, innegożjata u li qablu dwarha l-Istati Membri, kienet strument essenzjali u se tkompli tiggwida l-isforzi tagħna biex insaħħu l-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Madankollu, hekk kif dħalna f'fażi ġdida f'termini ta' sfidi u inizjattivi, jeħtieġ li nieħdu passi aktar kuraġġużi b'mod urġenti biex intejbu d-difiża tal-Ewropa u biex tkun tista' tinħoloq Unjoni Ewropea tad-Difiża reali. Jekk niġi kkonfermata, dan huwa eżattament dak li beħsiebni nipproponi fil-White Paper, flimkien mal-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, ukoll fil-kapaċità tiegħi bħala Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

Il-White Paper, filwaqt li tkompli tibni fost l-oħrajn fuq il-Boxxla Strateġika u l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, għandha tiddekrivi l-ambizzjoni politika biex tiżdied it-tnejja tal-UE fil-qasam tad-difiża kif ukoll it-tnejja tal-Istati Membri, u tinbena Unjoni Ewropea tad-Difiża reali. Flimkien mal-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, se nfasslu dan l-approċċ il-ġdid għad-difiża billi nidentifikaw il-ħtiġijiet ta' investment, il-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u l-opzjonijiet ta' finanzjament. Jeħtieġ li nappoġġaw aħjar lill-Istati Membri biex b'mod konġunt jiżviluppaw, jakkwistaw u jżommu firxa sħiħa ta' kapaċitajiet tad-difiża għall-forzi armati tagħhom, filwaqt li jħejjuhom għall-aktar xenarji militari estremi. Jeħtieġ ukoll li nsaħħu r-rabta bejn il-politika

industrijali tad-difiża fil-livell tal-UE u l-prijoritajiet nazzjonali fl-akkwist u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u nkomplu niżguraw l-interoperabbiltà u l-koerenza man-NATO. Għandna nindirizzaw kif l-UE tista' tappoġġa lill-Istati Membri biex iwettqu l-impenji tagħhom, inkluż fil-kuntest tan-NATO, pereżempju kif nistgħu ngħinu biex jintlew il-lakuni tal-kapaċitajiet. Il-White Paper għandha tipprovdi linji gwida u objettivi ċari biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Il-Boxxla Strateġika u l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea diġà huma kompletament koerenti mal-Kunċett Strateġiku tan-NATO, u se nkomplu bl-istess approċċ fil-White Paper. UE aktar b'saħħitha tfisser NATO aktar b'saħħitha. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex inkompli ntejjeb is-sħubija strateġika tal-UE man-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-inklużività, tar-riċiproċità u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, li huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna.

Kif se tinvolvi lill-Parlament Ewropew f' dawn ir-riflessjonijiet strateġiċi u l-inizjattivi politiċi kollha bil-għan li tqis kif jifhemha l-Parlament u żżid is-sorveljanza demokratika tal-inizjattivi u tad-deċiżjonijiet relatati mad-difiża Ewropea?

Jiena grata għall-impenn kontinwu u l-appoġġ qawwi tal-Parlament Ewropew għall-isforzi tagħna biex insaħħu r-rwol tal-UE bħala attur tas-sigurtà u d-difiża. L-appoġġ tal-Parlament Ewropew huwa importanti għall-eżerċizzju sħiħ u b'suċċess tal-funzjonijiet doppji tar-RGħ/VP. Jekk niġi kkonfermata, se nwettaq skambju attiv u trasparenti ta' informazzjoni, ninvolvi lill-Parlament mill-aktar stadji bikrija u niżgura li l-pożizzjonijiet tiegħu jinstemgħu fis-suġġetti kollha rilevanti għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) inkluż is-Sottokumitat tiegħu għas-Sigurtà u d-Difiża (SEDE, Sub-Committee on Security and Defence) u s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem (DROI, Sub-Committee on Human Rights). Dan ikun jinkludi aġġornamenti regolari fil-format xieraq.